IL-XXI SENA APRIL-ĠUNJU, 1951 GĦADD 242-244.




# Leħen il-Malti

IL-XXI SENA | APRIL-ĠUNJU, 1951. | GĦADD 242-244.

DAN IL-GĦADD FIH:


| | | Paġna |
|---|---|---|
| Il-Verità Artistika | MILL-EDITUR | 33 |
| Naqra ta' Mużew | MINN LURET CUTAJAR | 36 |
| *Id-Daħka tar-Rebbieħ* | MINN ĠUŻE' CHETCUTI | 44 |
| *Lil-Ħabibi Marju Agius* | MINN DWARDU BUGEJA, P.L. | 45 |
| *Lil-Ħabibi Dwardu Bugeja, L.P.* | MINN MARJU AGIUS | 45 |
| Il-Għerf tal-lum | MINN ĠUŻE ELLUL MERCER | 46 |
| Ġan Anton Vassallo | MINN Ġ. CASSAR PULLICINO | 49 |
| *Bħal Ħolma* | MINN G. B. CASSAR | 64 |


# IL-VERITA' ARTISTIKA

*Il-ħmira tal-Arti hija l-immaġinazzjoni. Mill-ħjut imżewqa tagħha intisġet ix-xoqqa tal-poeżija, tal-iskultura, tal-mużika, tal-pittura u ta' kull tifwir ieħor tal-qalb imħeġġa tal-bniedem. X'rabta hemm bejn l-immaġinazzjoni wir-realtà? Intellettwalment, x'rabta hemm bejn l-immaġinazzjoni wil-verità? Għal ħafna l-immaġinazzjoni hija sinonimu ta' gidba artistika, gidba inkonxja, ħarba mir-realtà fl-irrealtà; kwien ta' qawsalla li jintfew wara ftit hin u minnhom ma jħallu l-ebda fdal għax qatt ma kienu kwien reali — qatt ma kienu l-aċċident ta' sostanza dejjiema imma l-aċċident ta' aċċident — fantasma tas-smewwiet mibdulin fi ġnien li minnu jikbru għal ftit tal-ħin, għal rebbiegħa qasira, terħa ward waħda ma' ġenb l-oħra milwiema fid-dija tax-xemx li tolqothom bis-sjuf tagħha lewwiena.*

*Li kieku l-immaġinazzjoni artistika ma kellhiex saħħa akbar minn hekk, kien ikollna naslu għall-fehma li la darba l-ħmira tal-Arti hija l-immaġinazzjoni u l-immaġinazzjoni ma hix ħlief gidba artistika, invenzjoni battala tal-ispirtu tal-bniedem, l-Arti ma għandha l-ebda rabta mal-verità — fi kliem ieħor, kien ikollna ngħidu li l-Arti hija intellettwalment gidba inkonxja, delirju, tħewdin tal-ispirtu marid tal-Bniedem imdejjaq.*

*Imma qabel naslu għal din il-fehma li jiena niċħadha minn issa, insaqsu lilna nfusna. "U x'inhi l-verità?". Pilatu għamel din il-mistoqsija; ma għarafx iwieġeb u ħasel idejh minnha għal kollox bħalma, mingħalih, kien ħasel idejh mid-Demm tal-Imsallab.*

*Il-filosofi għandhom id-definizzjoni tagħhom tal-verità — hu veru dak li jeżisti. Mhux veru dak li ma jeżistix. Mela l-eżistenza hija s-sies tal-verità oġġettiva. Mingħajrha ma hemmx verità. Imma dawk li jiċħdu l-eżistenza jew realtà ta' kull ħaġa li ma teżistix kif narawha b'għajnejna u mmissuha b'idejna jixbhu lil dawk li jiċħdu l-eżistenza ta' ħlejjaq bla ġisem.*

*It-teoloġija tgħidilna li jeżistu l-anġli u b'att ta' fidi reliġjuża aħna nemmnu. Il-filosofija tweltaq billi tgħidilna li* jistgħu jeżistu. *Il-poeti jgħidulna li jeżistu* il-fairies, *spirti li jagħmlu l-qalb bħat-Tama jew jaqtgħu l-qalb bħad-Disperazzjoni, ġliba passjonijiet u xenqiet marbutin ma' tqanqil ir-ruħ; ideali, sbuħijiet li ma humiex ta' din id-dinja, ħolm ta' ġmiel li ma warrad qatt fil-ħamrija tal-ġonna tal-art; Eden, El Dorado il bogħod fejn għajn ta' bniedem ma' twassalx; u personifikazzjonijiet ta' ideat u xewqat li l-Fiżika tiċħadhom u l-Anatomija ma tafhomx għax qatt ma ġabithom taħt is-sikkina tagħha għat-taqtigħ.*

*Imma nwieġbu l-mistoqsija: Ix-xenqiet u ħfantiż tal-poeta huma realtajiet jew sthajjil fieragħ ta' bniedem inkwiet? It-teologi wil-filosofi ma' argumenti oħra biex jipprovaw ir-realtà tal-immortalità tal-bniedem, isemmu x-xenqa li hemm f'kull wieħed minna għal ħajja dewwiema. U jgħidu li hekk kif ix-xenqa tal-għatx tipprova l-eżistenza tal-ilma u tal-ġuħ l-eżistenza tal-ikel, hekk ukoll ix-xenqa tal-eternità tipprova l-immortalità tar-ruħ. Il-poeta għandu l-argument filosofiku tiegħu. Fuq l-istess argument l-artist jipprova r-realtà tad-dinja tiegħu fantastika: Ir-Realtà Artistika tal-poeżija, tal-mużika, tal-pittura u tal-iskultura.*

*Ladarba fil-bniedem-artist jitnisslu u jitfissru xewqat u xenqiet tar-ruħ bil-fors li hemm korrispondenza mistika bejnhom u bejn realtà mistura li tisboq is-sensi għax hija r-realtà ta' dinja soprannaturali—dinja spiritwali. Dan hu l-aqwa argument tal-Metafiżika Artistika. Ir-razzjonalisti jiċħdu r-realtà tal-ispirtu tal-bniedem għax igħidu li l-prova tal-eżistenza ta' din ir-realtà ma taqax taħt is-sensi u għalhekk ma tistax twettaqha. Li ma tistax twettaqha kif inwettqu l-eżistenza ta' oġġetti materjali hu minnu imma ma nistgħux b'daqshekk ngħidu li ma jeżistux. Għax għandna, qabel xejn, nifhmu sewwa li r-realtà oġġettiva hija biss dik li taqa' taħt ĦAMES SENSI —dak li tista' tarah, tmissu, tismgħu, ixxommu, idduqu. Imma hemm realtajiet oħra, realtajiet li konna nistgħu nipprovawhom kieku flok ħamsa kellna sebgħa, għaxra, mitt sens. Għandna ħames sensi biss; daqshekk nistgħu ngħidu, imma ma nistgħux ngħidu li* ma satax kellna *għaxar sensi, mija u iżjed. U għalhekk ma nistgħux niċħdu kull realtà li ma nistgħux nipprovawha għax ma għandniex is-sens meħtieġ għaliha għalma l-agħma ma jistax jiċħad l-ilwien tas-sema wil-ward għax ma għandux għajnejn biex jarahom, jonkella bħalma t-trux ma jistax jiċħad ir-realtà tal-għana tal-agħsafar, il-mużika ta' Chopin, id-daqq tal-qniepen wit-tgelgil tal-ilma fuq il-blat tal-widien għax jonqsu s-smigħ. Hekk ukoll ma nistgħux niċħdu r-realtà ta' dawk ix-xenqiet li ma għandniex sens materjali biex nikkomunikawhom lill-moħħ li hu ċ-ċentru fejn jiġu reġistrati* l-impressjonijet ma*terjali ta' oġġetti li għandhom eżistenza materjali. Langas ma nistgħu ngħidu li ma hemmx ħlief realtà waħda — ir-realtà materjali. Kull*

*ma nistgħu ngħidu hu li jonqsuna s-sensi meħtieġa biex nistgħu nirreġistraw l-eżistenza ta' realtà li ma hix materjali bħalma hija l-eżistenza ta' dak kollu li l-poeti jixxenqu fil-poeżiji tagħhom ispirati jonkella ta' dak it-tixniq li Chopin u Tchaikovski fissru fil-mużika tagħhom. Id-difiża tal-valuri artistiċi ssir bl-istess mod tad-difiża tal-valuri spiritwali, il-valurj tar-Reliġjon. Għalhekk bejn Arti u Reliġjon hemm xebh u rabta kbira; xebh fis-sostanza u fil-forma jew stil kif nistgħu naraw mill-kitba tal-Profeti tal-Għaqda l-Qadima. Għalhekk ukoll xi artisti li jitilfu l-ordni tal-preċedenza, jagħmlu l-Arti reliġjon ta' ħajjithom. Mela l-Arti bħar-Reliġjon hija t-tifsira ta' realtà li ma taqax taħt is-sensi — realtà soprannaturali. Arti u Reliġjon jintisġu flimkien bħal ilwien ta' qawsalla — kull lewn simbolu ta' ideal, ta' xenqa — li jixegħlu ruħ il-bniedem fis-siegħa tal-ispirazzjoni, fil-ħin tal-għaqda mistika bejn ir-Realtà u l-Ideal, żwieġ mistiku bejn Alla wil-Bniedem.*

*Nistgħu għalhekk ngħidu li l-Arti mhux biss hija tifsira ta' verità imma, bħar-Reliġjon, għandha bażi reliġjuża. Infakkarkom fil-poeżiji ta' Dante Alighieri u ta' Francis Thompson. U lil dawk li bħalissa qed jiftakru fil-ħafna artisti anti-reliġjużi nweġibhom li dan ma jwaqqax dak li qed ngħid. L-artist huwa anti-reliġjuż, meta jitlef issens tal-proporzjon u jagħmel l-Arti reliġjon tiegħu u jaqta' bl-akbar ħsara tiegħu u ta' ruħu, ir-rabta li hemm bejn ir-Reliġjon u l-Arti. L-Artist kbir huwa dak li jagħraf ir-rabta bejn il-waħda u l-oħra.*

*Li l-Arti għandha bażi reliġjuża jafuh il-materjalisti li fil-għama ta' qalbhom imħassra jikkumbattu lill-waħda u lill-oħra. U mhux għalxejn. Għax l-Arti wir-Reliġjon it-tnejn jiftħu għajnejn il-bniedem għal realtajiet li jinħassu fina imma li l-ebda wieħed mill-ħames sensi ma jista' iġibhom taħtu. Il-poeta* jħoss *u dak li* jħoss *billi ma jaqax taħt xehdet is-sensi materjali ma jistax ifissru ħlief simbolikament bħall-poetà mistiku San Juan de La Cruz, bħal Santa Tereża ta' Lisieux u bħal Gesù Kristu nnifsu li biex ifisser ir-realtajiet spiritwali tas-saltna ta' Missieru inqeda bil-parabola. L-arti hija rappreżentazzjoni parabolika ta' realtajiet spiritwali. F'dinja oħra dak li l-artist imnebbaħ* iħoss *u ma jistax ifisser ħlief parabolikament u simbolikament għad irid iseħħ — xi darba, x'imkien. In-natura għandha varjetajiet bla tarf ta' ħajja, għamliet u lwien, fuq l-art, taħt il-baħar u fl-arja ta' madwarna — realtajiet materjali li ħafna minnhom lanqas nafu bihom. Kif nistgħu niċħdu l-eżistenza ta' varjetà oħra bla tarf ta' realtajiet spiritwali li l-artisti kbar, l-artisti ispirati, jilmħu w jħossu bil-qawwa ta' nar li jaħraqhom minn ġewwa, isaffihom, inaddafhom, jerfagħhom fuq il-kotra, bħal profeti ta' dinja akbar u isbaħ xi darba, x'imkien?*

# NAQRA TA' MUZEW

HAWN id-dar, ġewwa kaxxa żgħira tal-landa, għandi naqra ta' Mużew. Mużew fqir, bħal ma kien dejjem fqir sidu, għax la fih deheb anqas fidda. Fih ftit ftietaq li, issa li qiegħed nixjieħ, ifakkruni f'art bgħida ta' mħabbti u fi ġrajjiet mgħoddija ta' żgħużiti.

Uħud mill-fdalijiet li għandi fil-Mużew tiegħi huma dawna: qabda ħurtan niexfa; żrara sewdenija, b'riħa ta' bħur; biċċa ħġieġa kaħla; ras ta' balla ta' kanun, imgħattna; bebbuxa ta' l-ilma; ħabba ta' l-inħas,, sfinġa tal-ħaġar, żibġa ħamra, skartoċċ tas-sinjali u sinna żgħira tal-ħalib.

Dawn huma ftit mill-għemajjar tal-Mużew tiegħi u issa ngħid il-ġrajja tagħhom waħda waħda, nibda mill-qabda tal-ħurtan.

* * *

Wasalt il-Palestina, l-art għażiża tal-ħolm ta' żgħuriti, fid-29 ta' Marzu, 1920 nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għaxija. Il-għada qamet ġlieda — l-ewwel ġlieda bejn il-Għarab u l-Lhud — u ħadd ma kien joħroġ mis-swar tal-belt 'il barra. Xi ġimgħa wara l-ġlieda birdet, u Fra Elija, ajk tat-Terra Santa, Malti, mill-Mellieħa, ħadni nara l-ġnien tal-Ġetsemni.

Xhur qabel fil-Ġetsemni kienu kixfu sisien ta' knisja qadima, tal-ħames seklu, fuq l-imkien sewwa fejn Ġesù għaraq id-demm. Fl-"apside" ta' dil-knisja kien hemm blata u fix-xquq tal-blata kien hemm il-ħamrija u fil-ħamrija kien nibet il-ħaxix. Għal hekk jien għedt lil Fra Elija: "Ftit żmien ieħor hawnhekk terġa' tinbena knisja u fuq dil-blata jitqiegħed l-artal u hekk hawn ma jinbetx ħaxix aktar. Sa nieħu troffa minn dan il-ħaxix li rada' mill-blata li xorbot il-għaraq ta' Ġesù, il-għaliex 'il quddiem għad nixtieqlu u ma nsibux."

U hekk minn hemm qlajt qabda ħurtan (u xi tfief, li għadhom jidhru nexfin mal-ħurtan in-nwariet tagħha) geżwirthom fil-maktur u qegħedthom fil-but. Wara sarrejthom f'biċċa karta u rfajthom u għadhom għandi sal-lum.

* * *

Ftit wara daż-żmien kont ġewwa l-kappella ta' fuq il-Kalvarju. Kien hemm ukoll sagristan Għarbi, Kattolku, li kien drani billi kont ġej u sejjer hemmhekk. Fuq il-Kalvarju hemm ħarq tal-blat, issa mgħotti bi grada tar-ram imma dak iż-żmien kienet maqlugħa għax kienu qalgħuha t-Torok. Is-sagristan

rani ndaħħal idi fil-ħarq u nitħabat biex naqla żrara. Għalhekk ġie ma' ġenbi, ħareġ mus mill-but u qalli: "Stenna xwejje". Daħħal idu, qalagħli farka blat minn hemm ġew bil-mus u tahieli u għadha għandi s'issa.

Ma hix żrara tad-deheb anqas tal-fidda; hi naqra ta' ħaġra. Imma kemm hi għażiża għalija! Il-lum aktar minn dari jafu sewwa li hemm u ebda mkien ieħor kien imsallab Ġesù. Dik innaħa kien fejn Jusef il-Lhudi jgħid li kellu l-isem ta' Aqragħ, jiġifieri Qargħa. Hemm sewwa l-Għarab ta' Ġerusalemm jgħidulu s'issa "Er-Ras". Fl-Evanġelju miktub li Ġesù kien imsallab f' "Makân Golgolta," u Golgolta tfisser ras ta' mewt. Kollox jagħti xhieda li l-Kalvarju tal-lum huwa l-Kalvarju ta' żmien Ġesù.

Kieku mela tista' titkellem dik iż-żrara! Kieku tista' tgħidli x'semgħet! Il-kliem tas-sallaba; it-tismir ta' l-imsiemer; u fuq kollox dik il-għajta aħħarija ta' Ġesù: "Ha-loj... ha-loj... l'ej ma żabaħtni?" li turi kif kien jolfoq, b'nifsu maqtugħ, waqt il-mewt. Dak li ħalla ħajtu biex jeħlisna mill-moħqrija.

* * *

Bejn is-sur tal-Hakel (Tempju) ta' Ġerusalemm u l-Ġetsemmi, hemm wied. In-nies ta' l-Ewropa jgħidulu l-Wied ta' Ġosafat jew Ċedron, u n-nies ta' Ġerusalemm isibuh bi tliet ismijiet: El-Qagħ (il-qiegħ) li hu l-eqdem isem; Wadi n-Nar, għax fi żmien il-Lhud kienu jarmu ż-żibel fih u jaħarquh (bħal ma jagħmlu hawn Malta fit-telgħa ta' Ħal-Luqa) u Wadi Sidti Mirjam, għax fih jinsab il-qabar tal-Madonna. F'dal-wied il-lum hemm ġnien tal-Patrijiet tat-Terra Santa, b'siġar tat-tin, taż-żejtun (żebbuġ), ta' l-anġâs u tal-għarar (ċipress). Hemmhekk nhar ta' Ħamis u nhar ta' Ħadd konna nieħdu t-tfal ta' l-iskola jilagħbu. F'dan il-wied, qalb it-trab darba sibt bħal żibġa tal-ħġieġ, ċara, kaħlanija. Donnha kienet sieq ta' xi tazza ta' żmien il-Lhud. Ħadtha u għadha għandi merfugħa.

Meta naraha din il-ħġieġa, donnha b'xi seħer iġġibli quddiem għajnejja dehra li tgħaxxaqni: min-naħa waħda t-triq ta' Ġerko, bil-karrozzi u l-iġmla għaddejjin, dawk jiġru daqs ir-riħ u jtawwtu l-ħorn u dawn jimxu b'pass ta' nemla u jsarsru s-sarsarun li mdendel ma' għanqhom. Il hemm mit-triq il-ġnien tal-Ġetsemni bis-siġar taż-żebbuġ jittawlu minn wara l-ħitan. Wara l-Ġetsemni Ġebel iż-Żejtun (il-muntanja taż-żebbuġ) bit-telgħa tagħha wieqfa-wieqfa u fil-quċċata l-kampnar tar-Russi, twil u rqiq donnu msella. In-naħa l-oħra, taħt is-sur, l-oqbra tal-Misilmin, imbagħad is-sur b'kull ħaġra daqs dinja, 'il ġewwa mis-sur il-koppla kbira u sewda tal-knisja jew Ġêmgħa tal-Misilmin u

wara l-koppla x-xemx nieżla, ittajjar ma' dwarha imrieżaq ta' rxux dehbija. Il-għasafar jittajru u jpejjzu... it-tfal jiġru u jilagħbu...... u jien u Fra Ġulju bil-qiegħda fuq xifer il-ħawt, ma' ġenb il-ħerża tal-bir, nitħaddtu.

U issa għadda kollox! Dak iż-żmien kienet ġrajja u issa saret ħolma.

* * *

Fis-sena 1922 kont l-iskola ta' Għajn Karem, raħal ħelu zokkor, imgħawwem f'baħar ta' siġar, bejn l-iġbla, xi erbat imjiel lejn il-Għarb ta' Ġerusalemm. Hemm kien hemm ukoll żagħżugħ Spanjol, Lwiġi Vega, daqsi mill-għomor, li għamilna ħbieb u fil-btajjel konna mmorru niġġerrew flimkien qalb il-egħlieqi u fuq il-għoljiet. Hemm kienu għadhom qawwijin u sħaħ il-ħnienaq jew trinċieri tal-gwerra u ġewwa fihom u ma' dwarhom biċċiet ta' l-elmijiet tas-suldati, xi bajunetta miksura, maskri tal-gass, għarmiet ta' skrataċ u, kull fejn tħares, frak tal-balal. Kull kemm qabar tat-Torok maqtula (għax lill-Ingliżi kienu ġabruhom u ħaduhom difnuhom fl-imqâbar ta' Ramle u Ġerusalemm). F'kull qabar tat-Torok, kif qalulna l-Għarab, kien hemm midfuna xi għoxrin jew tletin wieħed fuq xulxin.

Minn hemm ġbart din ir-ras ta' balla mgħattna u mxellfa, u mibruxa. F'naħa waħda għandha miktub: No. 80; u f'naħa oħra: 1/2/17, aktarx il-jum ta' meta nħadmet. General Allenby daħal Ġerusalemm fid-9 ta' Diċembru 1917. Mela dik il-balla kienet waħda mill-balal li ħelsu lil Ġerusalemm minn idejn it-Torok. Jaħasra! Kienet ferħa bla temma, għax issa l-belt imqaddsa reġgħet waqgħet f'idejn nies li ma humiex insara.

* * *

X'xewqa kelli, u għad għandi, li ngħaddi ftit tas-snin jew imqar xhur fin-nħawi tal-Baħar ta' Tabarija! Hekk kont nifhem aktar il-kliem ta' Ġesù meta nqabblu mal-kliem ta' dik in-naħa li hu pajjiżu. Imma din ix-xewqa le ma qtajtha u ftit għandi tama li għad naqtagħha. Biss, għandi ngħid li darba taffejtha ftit, għax għaddejt nhar—nhar wieħed biss, jaħasra!—hemmhekk.

Morna hemmhekk xi sebgħa min-nies fostna Professur ta' l-Arkeoloġija, Patri Gawdenzju Orfali, jew kif kienu jsejħulhu l-Għarab, Abuna Farah. Dana dawwarna kull imkien u fissrilna kull ma kien fiha s-Sinagoga ta' Kafar Nahum li ħadna naraw il-ħerba tagħha. Minn hemm morna bil-karrozza f'imkien jgħidulu s-Semaħ, fejn il-Ġordan joħroġ mill-Baħar ta' Tabarija

u jibqa' sejjer triqtu n-naħa tal-Baħar il-Mejjet. Abuna Farah baqa' riekeb fil-karrozza imma aħna nżilna nduru 'l hawn u 'l hemm. Jien inżajt ix-xedd minn riġlejja, xammart 'il fuq kemm stajt, sa wirkejja u dħalt inċaflas fl-ilma. Jaħasra! Stħajjiltni għadni tifel Ħaż-Żebbuġ, inċaflas, wara x-xita, fl-ilma ġieri tal-Wied tal-Baqqiegħa li ħdejna. Abuna Farah jarani hekk beda jidħak. Għadni niftakar sewwa l-kliem li qalli: "Loreto, Loreto, che devozione! Nemini dicite quod vidistis!" U minn hemm, dak il-ħin, ġbart dil-bebbuxa li għandi s'issa.

Kull meta nara dil-bebbuxa niftakar f'Patri Gawdenzju u naħseb fuq il-frugħa ta' din id-dinja. Għax dak il-Patri miet id-daqqa u l-mewta ftit xhur wara din il-ġrajja. Kien żagħżugħ, għaref u ħlejju, maħbub u mfaħħar minn kulħadd, Insara, Lhud u Misilmin. Iż-żmien għalih kien miftuħ beraħ. Imma minn dan kollu xejn ma qies il-qada. Inqalbet il-karrozza li kien sejjer biha, bil-lejl lejn Ġerusalemm u għaffġitlu rasu taħtha. Fid-9 ta' filgħodu, il-għada, kellu jagħmel taħdita quddiem ġemgħa ta' għorrief Ewropija; imma fid-9 ta' fil-għodu kien mejjet ġewwa t-tebut b'rasu mifqugħa, kollu dmija!

Kemm hija tassew taċ-ċajt din id-dinja!

* * *

Konna ħamest iħbieb, induru wara nofs inhar, ġewwa l-Wied ta' Ġeħenna taħt ir-riħ ta' l-iswar, fil-Qibla jew Sud ta' Ġerusalemm. Ġewwa ħofra fil-blat ilmaħt bħala ħabba. Ħtaftha, bdejt nifraħ biha u nogħrokha bit-trab biex tiċċara. "Ara b'iex inhu jifraħ!" qal wieħed minn sħabi, Taljan. "Qiegħed jifraħ b'ras ta' musmar ta' nagħla ta' ħmar!"

Tassew li donnha ras ta' musmar, u għal min hu materjali ma fihiex biex tifraħ. Imma jien fraħt biha u għadni nħobbha u ngħożżha sal-lum. Ix-xbieha ta' tliet żbuliet li fiha turi li dik inħadmet fi żmien Agrippa meta laħaq Melek jew sultan ta' Ġerusalemm, għaxar snin wara li miet Ġesù. Min mess dik il-ħabba, min kien jixtri u jbiegħ biha, aktarx li ra lil Ġesù dieħel il-Hakel mal-ġemgħa tal-Galilin, fost il-għajjat tal-ferħ u t-tixjir tal-friegħi. Aktarx li semgħu jgħallem, u jaħasra!...... aktarx li raħ imut fuq is-salib.

Għalhekk nifraħ biha u ngħożżha dik il-ħabba.

* * *

Il-ħaġa l-oħra, għedt li hi bħal sfinġa tal-ħaġar. Il-ħaqq hu li ma nafx infisser sewwa kif inhija. Hi bħal għoqda tal-ħaġar, tixbah lil patata mdaqqsa, mkemmxa, jew xi għanqud għeneb

żgħir, marsus. Hija tal-qawwi u fiha l-għeruq fejn kienet imqabbda. U f'iex tfakkarni dil-ħaġra? Tfakkarni fi ġrajja ta' biża' u ta' tiġrib.

F'Settembru tas-sena 1929 saret ġlieda oħra, akbar minn ta' qabel, bejn il-Għarab u l-Lhud. Minn l-iskola tal-Biedja, qalb ir-raba', fejn kont dak iż-żmien, kull lejla konna naraw xi raħal tal-Lhud jinħaraq. Konna hemmhekk weħedna, nistennew minn lejl għal ieħor li jiġu l-Għarab mill-bgħid, jaħsbuna Lhud u jaħbtu għalina.

Il-agħar kien meta l-Għarab ħabtu għal raħal tal-Lhud ismu Kafr-Urja li kien ma' ġenbna sewwa. L-iskola hi fuq għolja żgħira u fix-Xmiel tagħha hemm wied jgħidulu Wâdi Surik. Fix-xaqliba tal-għolja l-oħra, 'il hemm will-wied, kienet Kafr-Urja. Darba f'xi l-għaxra ta' bil-lejl, meta kulħadd fl-iskola kien rieqed, ftit bgħid nisma' tiri ta' revolvrijiet u għajjat. Xrift inħares mit-tieqa: Kafr-Urja kienet ħuġġieġa waħda. Ilsna tannar jogħlew; xrar itir; duħħan jinbaram, tiela' sas-sema. Sparar, u għajjat ta' nies. Ma' kull tir li nisma' kont ngħid f'qalbi: "Min jaf b'dat-tir inqatelx xi bniedem?" Żolt mit-tieqa u tlajt fuq il-bejt u bqajt hemm il-lejl kollu biex nagħti n-nafra jekk naħsel nara xi għajn ħażina.

Wara smajna li f'ħajjet Alla f'Kafr-Urja ma kien miet ħadd, għax il-Lhud li kienu fiha laħqu ħarbu.

Żmien wara l-ġlieda birdet. U kif konna nduru, darba waħda, morna naraw kif sefgħet Kafr-Urja. Kull imkien irmied u ġmied. Sodod u għamara mkissra, kotba mqattgħa, u qatigħ bolli ta' l-ittri imxerrdin fl-art. Il-Għarab kienu ħarqu jew kissru dak li ma ħadux. Il-ħamiem tal-Lhud kien għadu hemm, jittajjar. U l-kelba tagħhom, bajda bit-tbajja' suwed, kienet għadha hemm ukoll. Għajjatnielha biex tiġi magħna, imma beżgħet, u ħarbet 'il bgħid. Hemm ukoll rajt ħaġa li stagħġibt biha u bqajt inżommha f'rasi s'issa: zkuk tas-siġar, nexfin qoxqox, imwaħħla fl-art, u magħhom marbut il-"barbed wire," u għad li nexfin dak l-inxief kollu, mill-egħkiesi tagħhom kien ħiereġ għoqod ta' weraq aħdar żgħir.

Dak inhar minn hemm ġbart din il-ħaġra u għadha għandi sal-lum, u tibqa' għandi minn jaf sa meta.

* * *

Naqra bgħid mill-iskola tal-Biedja kien hemm raħal żgħir tal-Għarab, ismu Rafat. Id-djar tiegħu grieni mibnija bil-mazkan tal-wied u mkaħħla bil-ħamrija. Is-saqaf zkuk tas-siġar, fuqhom ħatab tal-ful u fuq dan tafal magħġun bit-tiben, magħmul koppla biex fix-xitwa l-ilma tax-xita jibqa' nieżel u ma jid-

lefx. Hemm kont ġej u sejjer għax ir-rġiel ta' hemm kienu kollha ħbieb tiegħi, u dejjem ikun hemm minnhom barra u noqgħod nitħaddet magħhom, bil-qiegħda fuq il-blat.

Fosthom kien hemm raġel jgħidulhu l-Ħaġġ. Darba kellu miegħu lil ibnu, tifel ta' xi għaxar snin. It-tifel kellu żibġa ħamra mdendla b'ħajta mat-tarbux, tperper quddiem għajnejh.

"Għalfejn dik iż-żibġa?" saqsejt lil missieru. "Biex tfieqlu għajnu, għax tuġgħu," weġibni. U tassew: f'għajn il-leminija tas-sabi kien hemm żewġ panniet; bħal bżieżaq bojod, żgħar.

"Ara b'iex jemmnu, jaħasra!" għedt f'qalbi, u għaddiet.

Ftit jiem wara rġajt rajt is-sabi u ż-żibġa ma kenitx hemm. Għajjattlu. "Feqitlek għajnek?" saqsejtu. "Iwa", weġibni. U ta' bil-ħaqq: għajnu kienet safja bħall-oħra u ma fiha xejn. Saqsejtu kienx għamlilha xi duwa u qalli li le. Saqsejtu kienx mar l-isptar u qalli le wkoll. M'emmintx għal kollox. Għalhekk ftit wara, meta ltqajt ma' missieru saqsejtu kif kienet fieqet għajn ibnu. Qalli li għajr iż-żibġa l-ħamra ma kien għamillu xejn.

Issa jien ma nafx. Il-Ħaġġ ma hux raġel li jgħid kelma b'oħra, għax jien nafu sewwa. Għalhekk rajtha ħaġa tal-għaġeb kif b'żibġa ħamra tperper imorru l-panni mill-għajnejn. Din iż-żibġa kont rajtha wkoll it-Transġordanja imma dak ma kellux panni. Kellu għajnu ħamra biss. Riħ fil-għajnejn imur biż-żibġa u bla żibġa. Imma l-panni xorta oħra, u kif marru biż-żibġa l-ħamra ma nifhimhiex.

Għalhekk wara dabbart żibġa ħamra u żammejtha għandi biex dil-ħaġa ma ninsihiex.

* * *

Fi żmien dik il-ġlieda li għadni kemm semmejt, daħal il-Palestina bastiment ta' l-ajruplani. Kien il-"Glorious" jekk niftakar sewwa. L-ajruplani tiegħu nġiebu fil-mitjar ta' Ramle u minn hemm kienu jittajjru u jiġbdu bil-"machine-gun" fuq il-Għarab kull meta jarawhom sa jaħbtu għal xi mkien.

Darba wara nofs inhar, naraw ajruplan minn dawna nieżel ġewwa għalqa, ftit bgħid mill-iskola tagħna. Għalhekk id-direttur ta' l-iskola qabbad lil Aħmed Abu-Ħaġar, id-"driver" biex joħroġ it-trakk. Nirkbu fuqu erba' min-nies — żewġ qassisin u żagħżugħ mekkaniku, Taljani t-tlieta, u jien — u erħilu lil Aħmed isuq u jġerri u jtajjar it-trab. Kif wasalna saqsejna lill-"pilot" jekk stajniex ngħinuh f'xi ħaġa. Qalilna li f'Ramleh kienu jafu bih u sa jibagħtulu l-meħtieġ minn hemm. Imma aħna qagħdna miegħu biex ma nħalluhx waħdu fil-barr.

Ġie ajruplan ieħor wara ħafna u tafa' ittra lill-"pilot". Dan

wiċċu tbergħen għax kien qorob biex jidlam u fl-ittra qalulu li kellu jgħaddi l-lejl hemmhekk. Għalhekk il-qassisin u Ahmed rikbu u l-mekkaniku magħhom, u saqu lejn l-iskola u jiena bqajt mal-"pilot" biex inwennsu ftit. Kienu marru jġibulna l-ikel u xi ħaġa fejn il-fizzjal jista' jistrieħ.

Wieħed mill-qassisin u Ahmed reġgħu ġew bit-trakk u ġebulna l-ikel. Għaddejna l-lejl bejn l-iġbla, ġewwa għalqa, f'wilġa mill-wileġ ta' Wied is-Sarar. F'xit-tlieta ta' fil-għodu rajna fjamma ħadra tixgħel fis-sema li mliet bid-dija kull imkien.

Qajjimna l-"pilot". Tala' ġewwa l-ajruplan, ġieb pistola b'kanna ħoxna, daħħal fil-kanna skartoċċ kbir u ġibed għall-ajru. Fl-ajru iswed infetħet fjamma donnha xemx u l-iġbla u l-wied bil-mazkan u x-xewk u l-ħaxix li fih dehru ċari daqs kieku kien bi nhar.

Fjamma oħra, bajda min-naħa l-oħra u fjamma oħra min-naħa tagħna. Dehret ġejja karrozza mill-wilġa l-oħra tal-wied u waslu s-suldati biex isewwu l-ajruplan. Wara kaptan Philips, il-"pilot" tana ż-żewġ skrataċ b'tifkira; tal-faxx abjad lili u tal-faxx aħdar lill-qassis.

* * *

Issa baqa' insemmi s-sinna u biżżejjed.

Waħda mara mit-Transġordanja, minn raħal ismu Xâtna, kienet ġiebet tifel ta' xi sitt snin f'din l-iskola ta' Rafat. Kien irqajjaq u wiċċu ħamrani. Għall-ewwel jumejn beka, imma mbagħad dana meta ra li kulħadd iħobbu u jżiegħel bih. Ismu bil-Għarbi kien Neġib imma jiena għal heffa kont semmejtu Nonny.

Lejla waħda fis-sajf konna bħal ma dari, barra ħdejn il-bieb ta' l-iskola taħt bozza ta' l-elettriku kbira. Don Ġwakkin Garbayo, qassis Spanjol, kien igħid l-istejjer u t-tfal uħud bil-qiegħda jisimgħu u oħrajn jiġru u jilagħbu. Jiena kont nisma' wkoll u nħares lejn il-friefet u ż-żnażan u l-ġirati jduru mal-bozza, iridu jidħlu ġewwa fiha u ma jistgħux. Ġie ħdejja Nonny u qalli: "Mgħallmi, fi sinne titgangal".

"Tridx naqlagħhielek?" saqsejtu.

"Iwa," weġibni.

Għalhekk daħħalt żewġt iswaba' f'ħalqu u għafast is-sinna 'l ġewwa. Imbagħad 'il barra, imbagħad ġbidtha u nqalgħet kemm ili ngħid. "Hawn hi!" għedt lil Nonny kif urejtu s-sinna. Ħsibt li kien sejjer jibki imma ma bekiex. Beżaq il-ftit tad-demm li ħareġ minn ħalqu u ħares lejja jidħak. "Bravu Nonny! Ma bkejtx. Bravu ta' bil-ħaqq!" għedtlu jien.

Kemm ferah Nonny dik il-lejla ghax fahhartu quddiem shabu u quddiem il-qassis! Kemm jifirhu meta xi hadd ifahharhom it-tfal iż-żghar!

Dik is-sinna li qlajt lil Nonny żammejtha tifkira u ghadha ghandi fil-Mużew; imma Nonny, jahasra, ma ghadux fid-dinja. Nonny miet l-iskola, xi hames snin wara li tlaqt minn hemm jien. Jiġifieri kellu ftit fuq il-hdax-il sena.

Fuq naqra ta' ghoqba hawlija jghidulha il-Hardôna, ġewwa hofra, hemm il-fdal ta' ġisem ta' tifel li minnu kienet taghmel sehem din is-sinna, bajda u żghira, li ghandi fil-kaxxa. Fuq il-qabar tieghu ma jfewwahx ward u susân, imma jniggeż xewk ı saghtar. Ma jittajrux hamiem u ghasafar, imma jitkaxkru wiżagh u sriep. Ma hemmx kitba biex tgharraf ismu, imma dawra mazkan kemm turi li hemm qabar.

Imma, Nonny, Nonny, inti ma intix minsi ghal kollox. Fid-dinja ghad baqa' min ihobbok. Kieku tista' tqum ftit minn dak il-qabar! Kieku tista' thares ftit lejn dak il-faxx iżraq li jidher kemm-kemm in-naha ta' fejn tghib ix-xemx, mill-gholja ta' fejn int qieghed! Hemm, il-bghid il-bghid f'nofs dak il-bahar hemm gżira ismha Malta; u f'din il-gżira hemm raġel xih, xaghru abjad, bla snien u wiċċu mkemmex, imma qalbu taghder. Qieghed quddiem mejda, ghajnejh imdemmgha, jahseb fik u jikteb fuqek. U quddiemu ghandu l-itratt tieghek u naqra ta' sinna li ġibidlek minn halqek huwa, fuq il-ghoxrin sena ilu.

* * *

Dawn huma l-hsebijiet u hjelijiet li jġibuli quddiem ghajnejja meta nkun wahdi u naqbad narahom, dawn l-intietef li ghandi f'dan in-naqra ta' Mużew.

LURET CUTAJAR.

## ID-DAĦKA TAR-REBBIEĦ

*Kien għadu fl-aħjar tiegħu*
*U mimli enerġija,*
*Il-Kotra ġabar miegħu,*
*U weġħidha dawl u dija,*
*Wegħidha hena w paċi,*
*Ħidma u flus qatigħ,*
*U l-Kotra emmnet kliemu*
*U t-tama qiegħdet fih.*

*Fil-pjazez u fit-toroq*
*Agħjat, ċapċip ta' nies,*
*Tixjir, tixjir ta' bnadar*
*F'sakra ta' ferħ bla qies.*
*"Int kbir," għajtet il-Kotra,*
*"Int biss trid tkun għalina,*
*Warajk issibna dejjem*
*Għax int ma tidħakx bina."*

*U f'dal-ġenn kollu ħolom*
*Li ħadd ma jista' għalih,*
*Fuq wiċċu dehret tilma*
*Id-daħka tar-rebbieħ.*

*Għaddew is-snin, u l-fehma*
*Tbiddlet mill-lejl għan-nhar,*
*Ma' l-art, fit-tajn mirfusa,*
*Iġġarrfu l-weġħdiet kbar.*
*Il-Kotra xenglet rasha*
*U rat x'għamlet b'idejha,*
*Kienet refgħitu fl-għoli,*
*Dawritlu mbagħad spallejha.*

*U waqa' hekk kif taqa'*
*Siġra mqaċċta mill-qiegħ.....*
*F'għajnejh ma baqgħetx tilma*
*Id-daħka tar-rebbieħ.*

24/9/50 — Ġużè Chetcuti.

### TISWIJA.

Fil-poeżija "Flotsam" li dehret fil-ħarġa ta' qabel, it-tielet vers ta' l-ewwel strofa jrid jiġi hekk:

Irmiethom, sawtithom.

## LIL ĦABIBI MARJU AGIUS

(Kittieb tal-Versi)

*Ħajt baxx fin-nofs, dan hu li hawn bejnietna,*
*Biex int u jiena nkunu ħdejn xulxin;*
*U nafu b'hekk aħjar egħmil ġrajjietna,*
*Li ġew u marru kif għaddew is-snin.*

*Hemm tajjeb biss li wkoll fi ħsebijietna*
*Moħħna biss joħlom fuq ilsienna bnin:*
*U nagħmlu x'nagħmlu waħda tkun wehmitna,*
*li nfasslu ħajja fuq sisien tajbin.*

*Għad jasal żmien, aktarx li nilħqu jiena,*
*Meta ta' wrajna jfaħħru x-xogħol tal-lum:*
*U għalina jgħidu: "ma kenux għażżiena".*

*Hekk jirnexxielna nħajru lit-tfal tagħna,*
*Jitilgħu bieżla u jistinkaw kuljum;*
*U jfaħħru ż-żmien li jkunu għexu magħna.*

11-2-1950. DWARDU BUGEJA P.L.

## LIL ĦABIBI DWARDU BUGEJA P.L.

(Kittieb ta' versi bħali)

*Ħajt wieħed biss li lilna t-tnejn jifridna*
*Mill-ġonna tagħna bħalna t-tnejn ġirien,*
*Fejn hemm xi ħaġa li lit-tnejn tiġbidna*
*Għal ġmiel li bħalu qajla ssib x'imkien!*

*Ħajt' wieħed biss tassew q'ed ifixkilna,*
*Sabiex flimkien inkunu ġewwa l-ġnien:*
*Fejn kollox donnu qiegħed jitbissmilna,*
*Sabiex ingħannu wkoll mingħajr waqfien!*

*Le', le', ħabib, il-ħajt li qiegħed bejna,*
*Biex jifred biss id-dehra ta' xulxin:*
*Ma jnaqqas xejn mill-ħbiberija tagħna!*

*Bħal meta f'siġra tħaddar ġewwa ġnejna,*
*U friegħi magħha jibqgħu mifruxin:*
*Hekk dak il-ħajt ukoll jitwaħħal magħna!*

Villa Lija 20/6/1950. M. AGIUS.

# IL-GHERF TAL-LUM

F'dawn l-aħħar 30 sena, bil-ħidma bla heda tal-għorrief fil-laboratorji u fl-osservatorji, saret taqliba sħiħa fix-xjenza— taqliba li ġiebet ta' fuq taħt il-fehma tal-ħassieba l-kbar, dwar tmiem il-bniedem u l-Ħolqien li bih jinsab imdawwar.

U l-materja (*matter*), li sa 40 jew 50 sena ilu kienet — għall-għorrief — it-tifsira ta' kullma jidher u ta' dak li ma jidhirx, għebet u ntemmet quddiem l-għerf tal-lum. Ix-xjenza fiżika, wara t-tgħarbil ta' Einstein u ta' għorrief oħra, illum tistqarr b'wiċċha minn quddiem li x-xogħol tagħha jmiss iżjed mal-Ħsieb, jiġifieri ma' kalkolazzjonijiet ta' dak li ma jidhirx (u li jintlaħaq u jitqejjes bil-ħsieb biss) milli ma' dak li jinħass, li jidher, li jintiżen jew li jitkejjel. F'kelma waħda li l-ħolqien, l-univers, fil-kliem ta' James Jeans — il-kbir astronomu Ingliż— hu: *"a Thought in the mind of a Mathematician."*

U mita għamlu dan il-għorrief minn tarf marru f'ieħor. Mill-materjaliżmu sfrenat ta' Huxley u ta' Spencer, għaddew għall-idealiżmu ta' Platone, Berkeley u Hegel. L-evoluzzjoni xjentifika temmet minn jeddha l-ġlieda li darba kellha mar-Reliġjon; u għaliha l-Ħsieb (*Mind*) rebaħ darba għal dejjem fuq il-materja (*matter*). Nifhmu li t-twemmin tal-għorrief tal-lum jixbah aktar lill-pantejiżmu ta' Spinoża, milli lit-Twemmin tagħna; iżda mill-bqija, għall-inqas, l-Għerf il-Kbir, ħa, darba għal dejjem, xejra idealistika mibnija fuq sisjen ta' xjenza li ma tiġġarrafx.

Kien x'kien it-tagħlim tal-għorrief ta' 50 sena ilu fuq id-dinja tagħna u fuq il-bqija tal-ħolqien — li trid wisq iżjed tul biex issemmih fuq fuq milli jagħtik il-wisa' ta' artiklu f'rivista — *Ħsieb il-bniedem*, jiġifieri is-setgħa li biha wieħed jagħraf lilu nnifsu — dak li r-reliġjonijiet ta' kull żmien u ta' kull ġens dejjem qisuh bħalha rifless, tad-Divinità fil-Bniedem — *il-ħsieb*, kienu jgħidu li hu mnissel minn sekrezjoni (tnixxija) tal-moħħ— ħidma tal-moħħ li tixbah lil dik tal-fwied, tal-kliewi, u ta' bċejjeċ oħra ġewwiena ta' ġisimna.

Il-ħsieb, f'moħħ il-bniedem — kienu jgħidu dawn l-għorrief — tnissel u ġie kif ġie *b'kumbinazzjoni*. Ġie minn ġrajja li ma fihom ebda tifsira; u jerġa jmur mnejn ġie, jintefa, imut, mita ma jkun baqa' xejn iktar xi jżommu jixgħel — jiġifieri jintemm mal-mewt ta' dak li jkun. U ma' dil-fehma, l-għorrief kienu jistqarru wkoll li ma jistax ikun li l-ħsieb qiegħed fi mkejjen oħra barra milli f'moħħ il-bniedem.

Din it-tijorija l-għorrief kienu jsaħħuha bil-famuża liġi magħrufa. bħala *The second Law of Thermodynamics* — liġi fiżika li biha kienu jaħsbu li fil-milja taż-żminijiet, mita l-qawwa tas-sħana (*heat energy*) tkun tqassmet u xterdet indaqs mal-ħolqien kollu kemm hu (*universe*), il-kesħa toktor u tiżdied biżżejjed biex teqred kull ħajja u, għaldaqshekk, kull ħsieb.

Din kienet il-fehma tal-għorrief 50 sena ilu.

U x'ġara biex bidel dil-fehma? Ġara li wara esperimenti u studji kbar, l-għorrief stqarrew li kienu tqarrqu fil-fehma li qabel kienu wrew; jiġifieri dik li jieħdu b'minnu (*material reality*) dak kollu li jidher, jinħass jew jista' jiġi analizzat. U aktar ma bdew deħlin 'il ġewwa fil-problema tal-materja iżjed bdew jaraw li fl-aħħar minn l-aħħar, din ma twassalx ħlief fi ħsieb — u *ħsieb meqjus.*

Biex wieħed jgħid bir-reqqa u bi kliem il-għerf kif ix-xjenza waslet f'dawn il-konklużżjonijiet, kien ikun ir:d jikteb il-ġrajja tal-għaġeb li ġraw fil-laboratorji fl-aħħar 50 sena; kien ikollu jikteb kotba sħaħ biex ifisser kif ix-xjenza bidlet il-fehma li darba kellha dwar li "ħaġa" tista' titbiddel iżda le tiġi fix-xejn għal kollox (*indestructibility of matter*) — u kif insab li jekk il-materja tiġri biżżejjed (*impulse — velocity*) din ma tibqax iżjed dak li kienet qabel; tiġi *fix-xejn;* jew aħjar issir *"mewġ"*.

Kien Albert Einstein — il-għaref tedesk — li tgħabba bil-kontradizzjonijiet u bil-għerf il-ġdid misjub fil-laboratorji u bejn l-1905 u l-1915 dal matematiku kbir wasal biex jipprova li dawn il-kontradizzjonijiet kienu ġejjin biss billi l-għorrief kienu tqarrqu mita ħadu dak li kien għallem Newton bħallikieku "ħaġa minnha" (*reality*) fl-univers li jidher bil-għajn u bil-ħġieġ tat-teleskopji. Einstein ipprova dak li għallem Newton — li xi liġijiet tal-fiżika mhumiex għajr ħsibijiet u kalkoli tal-matematika u li ma hemmx għodda biex bihom tipprova dawn il-ħsibijiet.

Dak li ġara wara li Einstein ħareġ bit-tijorija kbira tiegħu tar-*relatività,* saħħaħ dak li kien qal qabel; u webbel lill-bqija tal-għorrief li l-mekkanika mhix għerf li jmiss il-materja u l-mixi tagħha, iżda fergħa mit-tagħlim tal-matematka safja (*pure mathematics*) li tmiss biss il-ħsieb tal-bniedem.

Madankollu kien għad hemm bosta xjenzjati li baqgħu ma qablux mat-tagħlim il-ġdid ta' Einstein. Dawn baqgħu jgħidu li l-*frak* elettriku (particles) li minnu hi magħmula l-materja u kulma naraw, hu *"ħaġa"* li ebda ħsieb ma jista' jidħol fiha. Dan il-frak l-għorrief kienu tawh l-isem ta' *electrons* u *protons.* U kienu jgħidu li dawn l-*electrons* u l-*protons,* li minnhom

magħmul moħħ il-bniedem, huma materja u le ħsieb; materja li ma tinħallx u lanqas tiġi fix-xejn (*irreducible*).

Barra minn hekk, sa dak iż-żmien kienu għadhom jifhmu li r-raġġi tad-dawl huma magħmulin minn *ħaġa* (*substance*) li l-għorrief kienu tawha l-isem ta' *photons*. Kienu jgħidu wkoll li dawn il-*photons* huma frak ta' enerġija li tlellex. U din it-tijorija kienet waħda mill-artikli tal-fidi tal-materjalisti. Il-*photons*, bħall-*electrons* u l-*protons*, jibqgħu dejjem materja; u ma jiġux fix-xejn.

Iżda b'fidi li tgħaġġeb, il-matematiki, bħal Einstein, żguri mill-prinċipju tagħhom li *kulma hemm hu maħsub*, li fih il-għaliex tiegħu, jippruvaw b'tijorija oħra li r-raġġi tad-dawl huma *"mewġ"* li ma għandu x'jaqsam xejn mal-materja kif kienet magħrufa sa dak iż-żmien — *mewġ* (waves) li fih jasal fl-aħħarnett biex jinbidel kollox.

Għal dil-biċċa xogħol tal-għaġeb, magħrufa bl-isem ta' *Wave Mechanics*, il-princep De Broglie ġie mogħti l-premju Nobel tal-Fiżika, fis-sena 1927. Wara De Broglie, Davisson u Germer tal-Laboratorji Bell, ħabbru li għandhom xhieda sperimentali li l-*electrons* huma ħaġa waħda bħal *photons*. U l-Prof. Demster tal-Università ta' Chicago sab li l-*protons* huma wkoll mewġ (*cosmic waves*).

U l-għerf tal-lum, biex ifisser x'inhu dal-mewġ (*cosmic waves*) li mhux materja (*matter*) u li jixbah il-ħsieb, jgħaddi għall-famuża nozzjoni matematka ta' Einstein, magħrufa bl-isem ta' *four-dimensional space-time continuum* — kalkolazzjoni dwar l-eternità taż-żmien u tal-beraħ (*space*), li hi xort-oħra għal kollox minn kull kalkolazzjoni oħra li biha qabel l-għorrief kienu jifhmu l-qies tal-ħin u tad-distanza.

B'din in-nozzjoni matematka, Einstein qered għal kollox kull xejra ta' materja minn dal-mewġ *li minnu ġej kollox;* u wera li dan mhux għajr xbieha mdaħħna tal-ĦSIEB fih innifsu.

U dan kollu juri li l-għerf tal-lum, ix-xjenza, issa bdiet riesqa lejn verità li mhix mekkanika, li ma għandhiex x'taqsam mal-materja; iżda ma' ĦSIEB bla tarf u bla qies, li jmexxi kollox; u li aħna l-Insara nemmnu fih u nsejħulu Alla l-Imbierek — Dak li jista' kollox u li hu l-bidu u t-tmiem ta' kulma naraw u ma narawx.

Ġ. ELLUL MERCER.

# GAN ANTON VASSALLO

*Studju ta' Ġ. Cassar Pullicino*

*"E qualche suon s'aggira*
*Per questo scoglio che dall'onde è cinto,*
*Scossa tuttor la lira*
*Par che risponda in sua favella onesta*
*Al genio ed alla man del vate estinto".*

(Prof. G. Corleo: *In morte del Dr. G. A. Vassallo*).

Illum li l-letteratura tagħna tinsab mibnija fuq is-sod, b'ħafna poeti u prożaturi jsebbħu l-ġnien tal-kitba Maltija, aktarx li ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jieqaf ftit u jmur lura bil-ħsieb għal dak iż-żmien, daqs mitt sena ilu, meta f'Malta kien għad m'għandniex letteratura kif nifhmuha llum. Għaddew wisq snin minn meta għall-ewwel darba nstemgħet l-għanja tal-Muża f'Malta, u l-ewwel għannejja tagħha ilhom li tmermru fit-trab ta' qabarhom. "Il-mejjet mal-mejjet", igħid il-Malti, u li ma kenux is-siltiet ta' poeżija li dehru fl-antoloġiji tal-Malti fi żmienna, nibża' li llum ftit wisq kienu jkunu jafu b'Ġan Anton Vassallo, Professur tat-Taljan fl-Università tagħna u l-ewwel poeta liriku bil-Malti.

Dan il-bniedem li fi żmienu kellu jduq minn tal-ewwel il-bewsa tal-Muża Maltija għex wieħed u ħamsin sena li fihom ħadem u kiteb biżżejjed biex jibqa' jissemma għall-ħidma letterarja tiegħu sew bit-taljan kemm bil-Malti. Twieled minn Vinċenz u Marija Vassallo fis-6 ta' Ġunju 1817. Ta' tlittax-il sena kien diġa' wera l-ġibda li kellu għall-poeżija, u malli ħareġ mill-iskola ta' Dun Ġwakkin Attard intefa' għall-qari tal-poeti klassiċi Taljani, tant li x-xejra li kellu għall-ittri għaġġbet lis-surmast ġdid tiegħu, Dun P.P. Psaila. F'dan iż-żmien ipprova jikteb xi poeżiji li l-biċċa l-kbira minnhom baqgħu mhux stampati, jonkella dehru bla isem u hekk għadna ma nistgħux nagħarfuhom sal-lum. Mhux kuntent b'dan, Vassallo nxteħet b'ruħu u b'ġismu għall-Latin u għal għaxar snin sħaħ dam isoff il-ħlewwa tal-Lsien tal-Lazjo minn għand surmastrijiet tajba, fosthom l-Abati Giuseppe Zammit, *Brighella,* magħruf ħafna għall-kitba tiegħu bil-Latin. Vassallo tgħallem ukoll il-Franċiż u nġibed ħafna mill-ħrejjef ta' La Fontaine u La Motto, kif ukoll l-Għarbi, li minnu kien iħobb inissel il-kliem Malti. Għal xi żmien studja wkoll l-Ingliż, li bih kien igaħgaħ mhux ħażin.

Ft-8 ta' Jannar, 1839 beda l-kors tal-liġi fl-Università, fejn ingħażel fost sħabu għall-qawwa ta' moħħu għad li kien iżgħar minnhom fiż-żmien — ħaġa li laqtet il min kien igħallmu, fosthom Dr. Siġismondo Dimech u Ferdinando Caruana Dingli. Ħa l-lawrja fis-6 ta' Lulju, 1842 imma ma tantx wera ruħu miġbud

lejn ix-xogħol tal-Qorti, u b'sagrifiċċju ta' butu wara ftit telaq il-liġi u ntefa' għall-letteratura u għall-istorja ta' pajjiżu. Fis-sajf tal-1844 telaq għal Lixandra u dam hemm tlittax-il xahar. Imma baqa' dejjem imxennaq għal art twelidu u fl-1 ta' Settembru, 1845 ħalla l-Eġittu u reġa' lejn Malta. Fl-1850 talbuh igħallem it-Taljan fil-Liċeo, u hemm Vassallo baqa' jaħdem għal qalbu tlittax-il sena sħaħ, sakemm fit-28 ta' Diċembru, 1863 għażluh bħala Professur tal-Letteratura Taljana fl-Università ta' Malta. B'xorti ħażina ma setax idum wisq jagħti l-lezzjonijiet, għax wara ftit waqgħet fuqu bħal aljenazzjoni mentali li kien ilu li beda jħoss, u f'qasir żmien kellu jieqaf mit-tagħlim. Ħbiebu ppruvaw iderrulu u Dr. Nikol Zammit irnexxielu jehdih billi jħajru jikteb fil-ġurnal letterarju *L'Arte* (1862-1866), fejn Vassallo ħareġ bosta artikoli fuq l-istorja ta' Malta, bijografji ta' nies Maltin magħrufa, sunetti u poeżiji u qabda *Scherzi Satirici*. Miet wara marda qalila mal-lejl tat-28 ta' Marzu, 1868, u l-għada ħaduh il-knisja tal-Karmnu, ikkumpanjat minn nies ta' kull klassi, merfugħ fuq spallejn l-istudenti tiegħu li niżżluh huma stess fil-qabar fost il-biki ta' kulħadd. Fl-4 ta' April, fil-knisja ta' Ġieżu, qaddsulu kantat — imfakkar fin-noti ta' ħabibu Dr. Paolo Nani.

Din kienet, fuq fuq, il-ħajja ta' Ġ. A. Vassallo. Billi dan il-poeta jidher li għadda ħajtu maħkum minn swied il-qalb kbir, jidhrulna f'waqthom dawn is-siltiet mill-kelmiet ta' ħabibu, it-tabib Nikol Zammit, fuq il-marda li kellu: "...... *Già da alcuni anni avea costui dato non equivoci segni di perturbamento nelle sue facoltà e nell'ordine delle sue idee: era una melanconia, un tedio della vita, affezione di breve corso e dalla quale pareva allora completamente ritornato... Non fu quella che una tregua: or son pochi mesi ricompariva nuovamente la malattia e più incalzante che prima. Triste, silenzioso, sfiduciato abbandonavasi egli a cupa mestizia... pareagli congiurato il paese come per punire la sua decadenza; quest'uomo circondato di tante simpatie, non sognava che persecuzioni... In tanta mentale prostrazione gli mancò la speranza di rialzarsi: vano era confortarlo di persuasioni; egli non intendeva più il linguaggio dell'amicizia e desolato sulla propria rovina non contemplava che l'orrore della pendente sventura... Si nutriva scarsamente, dormiva poco, non usciva di casa che per trascinarsi alla scuola che temeva abbandonare...*" (1).

---

(1) Ara *Vita ed Opera del fu Professore Dr. Gio-Antonio Vassallo per Paolo Cesareo suo allievo*, Malta, [1868], pp. 32-35. Minn dan it-ktejjeb ħadna wkoll it-tagħrif bijografiku fil-paragrafu ta' qabel. Ara wkoll *Biografia del Dr. Gio. Antonio Vassallo... scritta da Achille Ferris*, Malta, 1868, pp. 28.

Kwadru iswed ta' bniedem mifluġ mill-manija tal-persekuzjoni! Mhux l-ewwel darba li kienu ħakmuh id-dwejjaq tal-ħajja. Donnu minn kmieni kien ħass x'kellu jgħaddi minn għalih. Kien għadu żagħżugħ ta' 23 sena meta nfexx id-dwejjaq tiegħu f'dan is-sunett sabiħ bit-Taljan, miktub fl-1840, li deher wara mewtu:—

O giovanil etade, ebbra, fiorita,
Ch'in noi risvegli ogni fatal desio,
Quanto crudele omai non ti trov'io!
Quai mali per te sento, e chi m'aïta?

Al quinto lustro ancor non è mia vita,
E stanco già... e aborro il viver mio:
Vittima sono di destino rio
E 'l cuor mi strazia orribile ferita.

Un buio ingombra la mia mente: i rai
Della ragione sono foschi, tanto,
Che temo non ischiarino più mai.

Pasco sol trovo nel sospir, nel pianto;
I sogni miei sono sciagure, guai,
E parmi ovunque, ohimè! la morte accanto.

Sunett profetiku! Mhux għalxejn tliet snin wara l-istess poeta, li kien beda jinfexx fil-poeżija bil-Malti, jistaqsi f'*Iż-Żgħużija* fejn hu l-hena ta' żgħożitu u jsib li għalih iż-żgħożija kienet biss hemm u taħbit:

Għalaqt ħamsa u għoxrin sena
Jien immela fiż-żgħużija;
Iżda fejn u fejn hu l-hena?
Min jurini tiegħu t-triq?
Hemm, taħbit kienet għalija,
Li naqbiżha fis nixtieq.

Donnu għalih il-hena jinsab biss fiż-żmien ħelu tat-tfulija. Jibki dik il-ħajja ta' bla ħsieb u jgħidilha:
Int ma terġa' iżjed għalija
U sal-mewt indum nibkik.

Għalxejn meta nikbru niftakru b'għafsa ta' qalb fil-ħena taż-żgħorija:

Wara l-erbatax-il sena
Dik il-ħajja kieku trid.

Għalxejn! Imma l-poeta jerġa' jdur fuq dak iż-"żmien ta' meta kont bla ħtija" u, maħkum mid-dwejjaq, igħid liż-żgħorija:

Li kont nista' nerġa' nġibek
Kieku fik irrid immut.

Xaqq dawl fuq il-bidu ta' dan id-dwejjaq u swied il-qalb tagħtina poeżija li stampa Ġuże Muscat Azzopardi ħamsin sena ilu mill-manuskritt oriġinali li wasallu f'idejh m'għand il-werrieta ta' Vassallo. Wara diżappunt li kellu fl-imħabba Ġananton qata' li poeżija aktar ma jiktibx, u fuq din l-aħħar poeżija, li kellu jkun jisimha 'Tifkir tal-Biki', ħalla miktub bit-Taljan: '*È questa l'ultima poesia che scrissi in lingua maltese; nè scriverò mai più!*' (2) Skond id-data li ġġib, i.e. 13 ta' Ġunju, 1843 jidher li Vassallo dik il-ħabta kellu 26 sena, żmien li jaqbel ma' dak li fih kiteb il-versi fuq iż-żgħożija li għadna kif slitna xi bċejjeċ minnhom. Kienu versi mqanqla, kif jidher minn dawn:—

Min kellu jgħidli, ja miskin jiena,
Li dal-mant f'qalbi jien kelli nġib!
U l-ebda fejda u l-ebda ħniena
Fl-imħabba tiegħi ma kelli nsib!

.............................................

Qanpiena mbierka! fejn dari ħossok
Ikabbar fija kien qalb u ruħ;
Tħassarli 'l qalbi daż-żmien inħossok,
Il-ħabta tiegħek tiġbidli d-dmugħ!

.............................................

Lilek nistħajjel nilmaħ quddiemi
Kull fejn f'għajnejja nara s-sabiħ;
Fuqek għall-ajru inxerred kliemi
Leħnek nistħajjel nisma' mar-riħ.

U f'dit-taqriqa qalbi tithenna
Iżda t-taqriqa fija ma ddum;
L-uġigħ urajha qalbi tistenna
Bil-qawwa tiegħu taqa' u ma tqum.

Bla ma nidħlu wisq il ġewwa fl-estetika tal-poeżija ta' Ġ. A.

---

(2) Ara l-ġurnal *Is-salib* tat-18 ta' Ottubru, 1901, p.2, taħt ir-ras *L'Aħħar Poesia tal-Prof. G. A. Vassallo, LL.D.* Niżżi ħajr lil ħabibi Ġużè Gatt talli għarrafni b'dil-poeżija, kif ukoll bis-sunett *Lil Missierna San Pawl* f'dil-ġabra.

Vassallo, irridu nsemmu tliet ħwejjeġ li fost l-oħrajn ispiraw il dan il-poeta — it-tlieta marbutin sfiq mal-ħajja u l-persunalità tiegħu. Waħda kienet l-imħabba għal art twelidu u għall-ġrajja tagħha li huwa fisser b'l-għanjiet sbieħ patrijottiċi, fost-hom dawk fuq *Mannarinu, La Vallette, Wignacourt, Il-Ġifen Tork,* kif ukoll dawk fuq *Il-Port ta' Malta, Bidu Malta u l-Ġens Tagħha* u *Tas-Sliema.* Imma fuq kollox dan il-patrijottiżmu, din l-imħabba taħraq lejn Malta imkien ma tidher hekk ċara, imkien ma tinsab imfissra hekk tajjeb daqs li tinsab miġbura fil-versi sbieħ ta' *Tifħira lil Malta,* li ħafna minna għadhom jiftak-ruha kif konna nkantawha l-iskola u li, fi żmien meta kien għad m'għandniex Innu Malti, kienet isservina bħala innu nazzjo-nali: (3)

Int sabiħa, o Malta tagħna,
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha
Magħruf ġmielek kullimkien.

Kien l-istess patrijottiżmu li ġagħlu jishar minn jaf kemm-il lejla fuq il-karti qodma biex idomm u jikteb il-ġrajjiet tal-istorja tagħna. Imma waqt li fil-kitba tal-istorja kien marbut mill-fatti u mid-dokumenti, fil-kitba tal-versi ħass ruħu ħieles minn kull irbit, misjuq fil-għoli fuq il-ġwienaħ tal-poeżija. U għalhekk tgħidx fejn waqaf fit-tifħir ta' Malta tagħna: il-frott, il-baħar li jħaddanha, il-klima, l-insiġ ta' niesna, l-għasel ta' Malta. Qatt ma bdielu li faħħarha din il-gżira. Qatt, ħlief f'ħaġa waħda biss, li wara żmien deherlu li ma kellu qatt ifaħ-ħar, kif jidher minn dan is-sunett bit-Taljan li deher f'*L'Arte* f'Lulju tal-1864, erba' snin qabel miet:

IL CLIMA DI MALTA

Spesso ti cantai bella, nè men duole,
O patria mia, poichè io t'amo assai;
E sempre dal mio cuor dolci parole
A quanto t'appartenga, dirizzai.

---

(3) Is-Surmast A. Agius fl-ewwel snin ta' dan is-seklu kien niżżel il-mużika u taha lil-Professur H. Stumme, li jgħid li l-motiv huwa dak tal-kanzu-netta magħrufa *I Bersaglieri* li kienu kkomponewha madwar l-1870. Ara fuq hekk il-ktieb ta' B. Ilg. u H. Stumme: *Maltesische Volkslieder* ecc., Leipzig, 1909, p. 7.

Come amante figliol veggiam che suole
  Vantar la madre, così te vantai;
  Ma in tutto veritier, come Dio vuole,
  Io nel parlar di te non mi mostrai.

Dio mel perdoni!... Finchè dissi belle
  Le rose tue, caro il miele, grato
  Quanto produci, vaghe le donzelle...

Non dissi cose d'uom egro che sogna;
  Ma dissi pur tuo clima "temperato";
  Dissi, per troppo amarti, una menzogna...

Is-Safar jidher ukoll li kellu influwenza kbira fuq il-kitba ta' Vassallo. Il-ħames poeżiji *L-Imsiefer, Għarus Imsiefer lill-Għarusa, L-għarusa lill-Għarus Imsiefer, Safar* u *It-Turufnat* ifissru bejniethom kull ma jista' jħoss bniedem imċaħħad minn niesu u mbiegħed mill-art fejn twieled u trabba. Vassallo jidher li jisħaq xi ftit żejjed fuq it-tqanqil taċ-ċaħda u tal-firda, imma niftakru li huwa stess, meta mar l-Eġittu fl-1844, kien ħass nostalġija kbira u kellu jerġa' lura ħin bla waqt. Għalhekk dak li għalina llum jista' jidher ftit u xejn sentimentaliżmu żejjed għal Vassallo u għan-nies ta' żmienu kienet ħaġa minnha. Imbagħad, ma ninsewx li f'dawk iż-żmenijiet kienet għadha kif bdiet l-emigrazzjoni tal-Maltin — kien hemm fostna min saħansitra siefer u mar fil-British Guiana — u għalhekk il-firda li ġġib magħha l-emigrazzjoni ma setgħetx ma tqanqalx il-poeta biex jikteb kif kiteb fuq ħaġa li kienet tolqot mill-qrib il-Maltin ta' żmienu.

It-tielet ħaġa li niltaqgħu magħha fil-poeżija ta' Ġ. A. Vassallo hija d-didattiċismu. Kull ħaġa għandha l-morali tagħha —minnha niġbdu lezzjoni biex tiswielna tul ħajjitna. L-iktar li jidher dan fil-ħrejjef u ċajt li ħareġ fl-1861. Bħala poeżiji ħafna minnhom huma oriġinali fis-sens li ma kenux miktubin minn ħaddieħor qablu, imma fl-istil tagħhom ma setgħux ikunu oriġinali għax bħalma jgħid hu stess "quanto a materiale e composizione di favole, si ha da osservare ch'esse furono e sono sempre di generazione imitatoria" u "in questo genere di poesia il merito par consistere nella maniera di raccontare". (4) Igħidilna huwa stess li x'uħud minnhom huma imitati mill-ħrejjef ta' Luigi Fiacchi, magħruf aħjar bl-isem ta' Clasio, u fost dawn insibu

(4) G. A. Vassallo: *Ħrejjef ovvero Saggi di Favole Morali in Verso scritti in lingua maltese*, Malta, 1861; p. 5.

*Il-Hurrieqa u l-Warda* u *Il-Qanpiena tal-Fuħħar*. Influwenzawh ukoll fil-kitba tal-ħrejjef il-magħruf De La Fontaine u La Motte, u fost it-Taljani Pignotti. Dwar il-kitba satirika tiegħu m'għanniex x'ingħidu wisq sew għax illum forsi li drajna bl-*istandard* tal-*Brombos* u l-*Ħmar* u l-*Ġannett* ta' l-istess xeħta jidhrilna li ma jagħmlux wisq ġieħ lil Vassallo, kemm wkoll il-għaliex ħafna mill-ħwejjeġ li hu ried jolqot, jikkritika jew iwaqqa' għaċċajt fi żmienu llum ma nifhmuhomx u jitolbu studju fi ktieb ieħor għalih.

Biex napprezzaw aħjar il-ħidma poetika ta' Ġ. A. Vassallo jeħtieġ nieqfu u naraw f'liema stat kien jinsab l-ilsien Malti fi żmienu. Meta twieled Ġan Anton, Malta kienet diġa' għaddiet sewwa taħt il-ħakma tal-Ingliżi. Sakemm kiber u ħa l-professjoni l-interess tiegħu fil-Malti ġagħlu bil-fors isir jaf bit-tfixkil li kien hemm biex ilsienna jinkiteb kif imiss u biex jieħu sura letterarja. U fuq kollox kienet taħkem il-kwistjoni tal-alfabet. Qabel żmienu ,kienu ħarġu alfabet kull wieħed il-Kanonku Għawdxi Agius de Soldanis (1712-1770) u Mikiel Anton Vassalli (1764-1829). Imma minn dawn ta' l-ewwel ma kienx mibni fuq bażi xjentifika biżżejjed u tat-tieni kien artifiċjali u nieqes mill-prattiċità. Malli Malta bdiet tiġi f'tagħha taħt l-Ingliżi bdew jaħsbu biex ixerrdu t-tagħlim fost il-poplu u għalhekk riedu jfasslu kitba bil-Malti għall-iskejjel Imma sakemm il-Malti jidħol fl-iskejjel ta' dak iż-żmien kien jeħtieġ ħafna xogħol u taħbit. Fost il-Maltin li ħabirku ħafna kien hemm Francis Vella u Ġ. Montebello Pulis li bejniethom ħejjew it-triq bil-ħruġ ta' dizzjunarju, grammatka u kotba tal-qari għat-tfal. Biss f'Malta kien għad m'hawnx stampa ħielsa, u stamperija kien hawn waħda biss, tal-Gvern. B'hekk it-tixrid tal-kitba bil-Malti ma tantx setgħet timxi 'l quddiem wisq. Biex tagħqad, l-alfabet li daħħlu fl-iskejjel kien dak imsejjaħ Għarbi-Ruman, li ma kien igħodd xejn għat-tagħlim u qajjem ħafna kritika sa kemm kellu jitneħħa mill-iskejjel. L-għawġ kien li f'dil-ħaġa, bħalma dejjem jiġri hawn Malta, ma kienx hemm għaqda biex jiffissaw darba għal dejjem l-alfabet. Nies ta' rieda tajba kien hemm, imma kulħadd jiġbed lejn naħiet differenti — kulħadd ried li jinkiteb l-alfabet tiegħu. Barra dak ta' Vassalli, kien hemm dak ta' Vella, mibni fuq l-alfabet Ruman, u Dr. S. Zerafa, tas-*Società Medica d'Incoraggimento,* kellu ieħor magħmul mill-ittri tal-alfabet Ruman biż-żieda ta' tnejn oħra għall-*għ* u għall-*għimel*. Mgr. B.G. Bellanti fl-1829 ħareġ b'alfabet b'ittri msejħin *Neshki,* li għadu Ms. (5) G. P. Badger

(5) R.M.L. Ms. 446: *Avvertimenti per la Ristorazione della lingua Maltese.* Dwar l-istorja ta' dan il-Ms. ara t-*Times of Malta* tat-28.3.51 u tat-30.3.51.

ippropona alfabet fuq dak Ruman fl-1841, waqt li Rev. Schlienz ried li l-Malti jinkiteb bl-ortografija tal-Għarbi (6). Biex jaqtugħha darba għal dejjem ir-Rettur tal-Università, il-Kanonku Emanuele Rosignaud, laqqa' flimkien id-dilettanti tal-Malti fl-1840; imma bid-diskussjonijiet li saru ma waslu mkien u spiċċaw biex l-alfabet li għamlu dawruh bejniethom mingħajr ma ħadd seta' jagħmel osservazzjonijiet fuqu (7).

L'interess ta' barranin bħal Schlienz u Badger fil-Malti ma kienx biss ta' xeħta letterarja jew filoloġika. Minn snin qabel ic-*Church Missionary Society* kienet xeħtet għajnha fuq il-Mediterran għat-tixrid tal-ħidma u t-twemmin tagħha, u fl-1815 Rev. William Jowett kien offra ruħu u ġie joqgħod Malta biex imexxi x-xogħol ta' dik is-soċjetà fil-Mediterran. Fost ix-xogħol li għalih Malta kienet meqjusa bħala l-aħjar ċentru għat-tixrid tal-missjonijiet kellu jkun hemm it-tmexxija tal-istampa, it-traduzzjoni tal-kotba jew ta' bċejjeċ mill-Bibbja, u il-ħruġ ta' xi pubblikazzjoni, f'bosta ilsna, għall-pajjiżi tal-qrib (8). Nafu li din is-Soċjetà rnexxielha taqleb għall-Malti xi kotba tal-Bibbja u l-Erba' Evanġelji, u li għal dan ix-xogħol kienet inkarigat lil M. A. Vassalli u lil wieħed Peppu Canolu. Żmien wara, fl-1845, mill-istamperija ta' M. Weiss deher f'Malta ktieb ta' madwar 450 paġna imsejjaħ *Ktieb it-Talb ta' Aalenia eċċ.*, li kien kitbu Rev. M.A. Camilleri, qassis li kien qaleb u sar Protestant u spiċċa biex laħaq Isqof ta' Ġibiltà (9). Issa dan kollu seta' jsir il-għaliex, għad li ħadd ma seta' jkollu stamperija qabel l-1839, il-Gvern kien ta permess lic-*Church Missionary Society* biex jiftħu stamperija hawn Malta ħalli jxerrdu l-kitba reliġjuża u l-kotba tal-iskola max-xtajta tal-Mediterran. Bħalhom ukoll kellu permess għal stamperija d-dipartiment tal-Kummisarjat u, qabel, kien ingħata wkoll lil Soċjetà Missjunarja Amerikana u lil Soċjetà ta' "English Independents". Imma mill-bqija ħadd ma seta' jiftaħ stamperija u fost dawk li applikaw u ma tawhomx kien hemm wieħed Luiġi Tonna li ried jiftaħ waħda l-Belt u li fost l-oħrajn kien beħsiebu jistampa x-xogħlijiet tal-Maltin

(6) Rev. C. F. Schlienz: *Views on the improvement of the Maltese Language and its use for the purposes of education*, 1838.

(7) Ara l-artiklu "Alfabeto Maltese" f'*Il Filologo*, Nru. 34 tat-28 ta' Frar, 1881. p. 19.

(8) Wm. Jowett: Christian Reasearches in the Mediterranean from MDCCCXV to MDCCCXX in furtherance of the objects of the Church Missionary Society, 3rd. ed. London, 1824.pp. 376-8.

(9) Ara n-nota ta' A. Cremona fuq Rev. M.A. Camilleri f'*The Sundial*, Vol. 4, No. 8, p. 13.

hawn Malta flok li jkollhom jibagħtuhom barra (10). Imma wara daqs din ħidma u daqs dan infiq ta' flus ma jidhirx li qatt irnexxielhom jimpressjonaw il-Maltin u jħajruhom jibdlu t-twemmin tagħhom. Nisiltu dil-biċċa mir-"Royal Commissioners Report" tal-1838: "...... *The zealous endeavours of the Protestant missionaries to convert the Maltese from the Catholic faith have been helped by the ample funds placed at their command, and by the actual law and practice with regard to printed publications; but with all their zeal, and all these extrinsic helps, their endeavours have been wholly or nearly fruitless. The attacks which they have made on the Catholic faith, in writings imported or printed at the missionary press, have scarcely met with a reader amongst the native population. The conversions from the Catholic religion, since the establishment of the British Government, have been five or six*". Dwar din il-ħidma biex jinqdew bil-Malti ħalli n-nies jitbiegħdu mill-fidi nġibu il-kliem tat-tabib Charles Casolani fil-ktieb tiegħu *Suggestions with regard to the General Administration and Internal Affairs of Malta* (1867, p. 33):— "*Large sums of money have been thus expended for the gratuitous distribution of innumerable Bibles and books on religious subjects, as well as for Masonic Lodges, etc., but what above all at the time gave the greatest pain to right-thinking men at Malta was the distribution of money to all those who attended their open air preaching, thus taking advantage of the then prevailing famine. Many utterly destitute did attend; but, much to the disgust of the zealot, who preached in the vernacular idiom, the famished congregation were seen reciting the Rosary while he was preaching*".

Imma mhux il-barranin kollha kellhom dal-ħsieb f'moħħhom. Ma nistgħux ma nsemmux il-ħidma ta' J. Somerville, li kien Maġistrat ta' Għawdex, u li għal bosta snin dam jistudja l-Malti, igħin il-ħruġ ta' kotba bil-Malti u jdomm dizjunarju tal-Malti... bil-kliem imfisser b'ħamest ilsna (11). Min-naħa l-oħra anqas ma rridu ninsew insemmu li fost il-Maltin kien hemm nies li deħru riedu jġibu 'l quddiem il-Malti mhux għax qalbhom kienet taħraqhom imma għax għarfu li fl-aħħar mill-aħħar la aħna Maltin qatt ma jista' jitwarrab il-Malti biex floku ddaħħal f'kollox it-Taljan. U hekk insibu li wara kollox, ix-xogħol tagħhom ma kienx nieqes mis-siwi tiegħu. Wieħed minnhom kien it-tabib Gaetano Laferla il b'wiċċu minn quddiem kiteb fl-

(10) Charles Casolani: *Suggestions with regard to the General Administration and Internal affairs of Malta*, London, 1867, Appendix A. p. 49.
(11) Ara *The Harlequin tat-18 ta' Lulju*, 1839.

1841 "E questo fù il motivo che mi confermò nella opinione doversi coltivare la nostra lingua nativa" (12). Dr. Laferla jgħarrafna wkoll li hu ried li jkun hemm għaqda biex twaqqaf alfabet wieħed, għax dan mhux xogħol ta' bniedem waħdu. U hekk f'Ottubru tal-1836 kien stieden is-sinjuri Dr. Saċ. Serafino Marmara, Professur tal-Lhudi fl-Università, il Dun Ludovik Mifsud, it-tabib Stefano Zerafa, Dr. Ferd. Caruana Dingli, Luigi Rosato u Salvu Gatt minn Ħaż-Żebbuġ, li ltaqgħu kemm-il darba għand wieħed kunjomu Tonna biex isawwru alfabet. Imma dik il-ħabta, kif rajna, kien għad m'hawnx l-istampa ħielsa u l-alfabet ma setgħux jistampawh. Mal-ħelsien tal-istampa u malftuħ tal-iskejjel tal-Gvern fir-rħula dak l-alfabet, li kien l-Għarbi-Ruman, stampawh u miegħu ħarġu ħafna tavoli u kotba tal-qari għall-iskejjel. Imma l-alfabet ma ngħoġobx. Fost oħrajn Dun Salv. Cumbo, Professur tat-Teoloġija fl-Università, li kien ilu jikteb fuq il-ħtieġa tal-Malti fil-ġurnal tiegħu *Il Filologo* (1839-1841), baqa' jinsisti li din tal-alfabet kellha tinqata' minn għaqda ta' nies li jinteressaw rwieħhom u li jkunu lesti biex iċiedu kull wieħed xi ftit mill-fehma tiegħu għall-ġid ta' kulħadd. (13). Maż-żmien donnu seħħ dan, u nsibu li nies ta' rieda tajba ltaqgħu flimkien u waqqfu *Accademia Filologica Maltese* li bdiet toħroġ perjodiku *Il Malti* fil-15 ta' Lulju, 1843. Fit-tielet numru naqraw: "Meta nfetħu l-iskejjel tal-Gvern il-qari Malti kellu jkun il-bidu tat-tagħlim tagħhom... B'għaġeb kbir, wisq Maltin stagħġbu meta raw dan il-qari bil-ftit il-ftit imwarrab minn dawk l-iskejjel u fl-aħħar minsi bħalkieku xejn. U x'kien dak li ġieb dan kollu? Kien jewwilla t-taħbit ta' dik il-kitba f'dak iż-żmien maħsuba nofsha Għarbija u nofsha lè? Issa lè b'dil-kitba". Din l-akkademja l-ħsieb tagħna kien li l-alfabet Malti jkun l-istess bħal tat-Taljan. Għalhekk naqraw "... x'hemm aħjar għalihom (il-Maltin) ħlief li jiktbu lkoll il-Malti bħat-Taljan? X'uħud... imlaqqgħin flimkien taħt l-isem ta' Akkademia Filoloġika Maltija, feħsiebhom jiktbu u jxerrdu ma' Malta u Għawdex din il-gazzetta biex idarru l kulħadd jaqra u jikteb il-Malti bħalhom" (14). Għalkemm dawn ukoll kienu għadhom m'għarfux x'kien jeħtieġ tassew biex issawwar alfabet sewwa, kienu ġenwini biżżejjed fil-ħsieb tagħhom u għalhekk widdbu lill-poplu "...... U nwissukom li ma tmorrux tisimgħu x'uħud li juru rwieħhom ma jridux it-tagħlim l-ilsien Malti (ħaġa li aħna nsibu ta' ħtieġa kbira), għax dawk l-uħud jew ma

---

(12) *Il-Filologo*, Nru. 37, tas-17 ta' Ġunju, 1841, p. 44.

(13) *Il Filologo*, Nru. 34, p. 20.

(14) *Il-Malti*, Nru. 1, p. 1.

jħittxux il-ġid tagħkom jew... ma jridux jitħabtu żejjed biex jarawkom aħjar milli intom". L-Akkademja kienet tiltaqa' kull ħmistax u fil-laqgħat l-ikbar xogħol kien ikun fuq id-dħul tal-Malti fit-tagħlim tat-tfal. Mixgħulin mis-sejħa ta' M. A. Vassalli għal tagħlim il-Malti, li naqraw fit-tielet numru tal-gazzetta tagħhom, fissru ruħhom hekk: "U għaliex ma jistax ikollhom tagħlim bil-lsien tagħhom? ma hemmx ilsien li ma jistax jinġieb fil-kitba; mela ma narawx il-għaliex ilsien Malti ma għandux ukoll ikun miktub bħall-oħrajn kollha u hekk ikun jiswa għal tagħlim il-poplu (15). Fost xogħol ieħor l-Akkademja ħasbet biex toħroġ ktieb ċkejken imsejjaħ *Tagħlim il-Qari Malti* "imqassam b'taqsim ġdid u għat-tfal wisq ħafif; bih uriet kif għandu l-Malti jkun miktub u kif għandu jinqara. Għalhekk ukoll ma' kull waħda minn dawk it-taqsimat li fihom hu mqassam, għajr l-ittri msieħbin flimkien, hemm ukoll kitbet wisq kelmiet biex bihom jidher kif dawn mill-ittri joħorġu" (16).

Mat-twaqqif ta' dan l-Akkademja nistgħu ngħidu li tibda l-ħidma letterarja bil-Malti ta' G. A. Vassallo. Mit-tieni numru ta' *Il Malti* fl-1843 bdew jidhru l-poeżiji tiegħu bl-inizjali Ġ.A.V., u qabel dan fl-istess sena wkoll ħareġ ktieb żgħir ta' versi miktubin minnu, ktieb stampat bl-alfabet ftit mibdul minn dak tal-Akkademja, li tagħha kien imsieħeb, billi kienu għadhom ma tlestewx it-tipi meħtieġa. Ix-xogħlijiet ta' poeżija bil-Malti miktubin minn Ġ.A. Vassallo huma:

*Il-Ġifen Torc* — poema epiku miktub fl-1842 u stampat l-ewwel darba fl-1853. Reġa' deher għalih waħdu, maħruġ taħt l-inizjali N.N., fl-1855, imbagħad mill-ġdid fl-1864, meta stampaw għat-tieni darba il-ktejjeb tal-poeżija tal-1853. Deher ukoll fil-*Cotba tal-Mogħdija taż-Żmien,* Nru. 47, 1905, u ilu ftit ħareġ b'kelmtejn qabel mill-Professur Ġ. Aquilina (1949).

*Mogħdija taż-żmien f'Ilsien Malti,* Malta, pp. 24, stampat minn Cumbo, 1843; (2ni. ediz. miżjuda, pp. 51, 1853.)

*Għal Chitarra ossia Collezione di nuove poesie maltesi sul gusto delle popolari,* pp. 64, Malta, Tip. Paolo Cumbo, 1851. (17).

*Hrejjef ovvero Saggi di Favole Morali in Verso scritti in lingua Maltese,* Malta, Tip. Edoardo L. Franz, [1861].

*Poesie Maltesi ad uso delle scuole Primarie,* Malta, 1853; 2ni ediz. 1864. (tieni u tielet u raba' taqsima).

(15) *Il Malti,* Nru. 3, p. 11.

(16) *Il Malti,* Nru. 58 ta' 17 ta' Frar 1844.
huma ta' Vassallo għax insibuhom stampati jew f'*Il Malti* bl-inizjali tiegħu G.A.V. jonkella taħt ismu mal-*Poesie Maltesi* fl-1864.

(17) L-isem tal-awtur ma jidherx f'dan il-ktejjeb, imma l-poeżiji jidhru li huma ta' Vassallo għax insibuhom stampati jew f'*Il Malti* bl-inizjali tiegħu G.A.V. jonkella taħt ismu mal-*Poesie Maltesi* fl-1864.

*Hrejjef u Ċajt bil Malti*, Malta, 1863. Stampat mill-ġdid fl-1895.

Barra dawn għandu ħafna poeżiji oħra mxerrdin f'ġurnali ta' dak iż-żmien, li x'uħud minnhom irnexxielna nġibu f'din il-ġabra, u kien ħalla wkoll Mss bċejjeċ ta' melodrammi u l-versjoni Maltija tad-dwett Michelotto u Montalbano tal-opra *Chiara di Rosemberg* li aktarx intilfu mal-Mss l-oħra li ħalla.

Bil-Malti kiteb ukoll:

*Il-Ħajja tal-Appostlu Missierna San Pawl*, Malta, 1858.
*Ġesù Kristu fid-dinja*, Malta, 1861
*Storja ta' Malta miktuba għall-Poplu Malti*, Malta, 1862.

Għalina hawnhekk l-iktar li jinteressana Vassallo bħala poeta Malti. Issa l-ħidma poetika ta' Ġ.A.V. tista' tinqasam fi tnejn. Fl-ewwel waħda għandna l-poeta żagħżugħ, mimli ħeġġa għall-Malti, irid juri li l-Malti tista' ddawwru u tilwih kif trid biex tfisser bih it-tqanqil tal-qalb bil-metri kollha tal-poeti barranin. U għalhekk narawh jitħabat biex jikteb poema epiku li qablu ma kien kiteb ħadd bħalu (u ftit kitbu warajh), biex jerfa' l-vers tal-poeżija popolari mill-art fejn kienet titkaxkar u jinfexx f'lirika sabiħa li mqar illum għadha tinħass friska daqs meta nkitbet l-ewwel darba. Imbagħad, mill-1860 sa mewtu ntefa' għall-kitba tal-ħrejjef morali u ċajt satiriku, moħħu biex juri n-nuqqasijiet tal-bnedmin ta' żmienu u fl-istess ħin igħallem, jagħti gost u juri t-triq id-dritta lil sħabu. Bħala poeżija jidhrilna li hemm qabża kbira bejn dawn iż-żewġ taqsimiet, sew għax ta' l-aħħar huma ta' natura differenti imma aktar għaliex jidhru ftit imqanzħa, imġebbda u l-ħsieb didattiku jidher wisq fil-wiċċ u hekk jgħarraq u joħnoq kull ispirazzjoni li seta' kellu l-kittieb. Issa billi, kif urejna, dawn il-ħrejjef u ċajt diġa kienu miġburin fi żmienu, dehrilna li hawnhekk m'għandniex nerġgħu nġibuhom kollha. Għalhekk f'din il-ġabra sa jidhru biss xi ftit minnhom biex wieħed jista' jieħu idea tal-kitba tiegħu moraleġġjanti. Il quddiem forsi għad jingħaqdu ż-żewġ kotba tal-ħrejjef u jsir studju fuqhom kif imiss.

Ġ. A. Vassallo kiteb fi żmien meta l-klassijiet edukati u għolja tal-gżira kienu għadhom ma jridux jafu bil-Malti. Il-firda bejn il-klassijiet kienet tista' tgħid tingħaraf mill-imħabba li wieħed kellu lejn il-Malti. Spirtu ta' egoiżmu imnissel minn preġudizzi qodma kien iħerri l-qlub tal-aħjar elementi fost il-Maltin li setgħu bi ftit ta' rieda tajba jerfgħu l-poplu bit-tagħlim u bil-kitba. Imma l-ebda professjonist ma kien joħlom li jikteb bil-Malti. Il-Malti tajjeb biss għall-kurunelli tal-qaddisin! Il-poplu kien għadu lura wisq u Ġ. A. Vassallo, li kellu qalbu kbira u li kien huwa nnifsu wild il-poplu, ma riedx iħallih

fil-għera u fl-injoranza. Għalhekk lil sħabu qallhom (18).

Persone politissime, a disdegno
Deh! non abbiate ch'in maltese io scriva;
Chè se di voi nol istimate degno,
Pel popolo alcun pro se ne deriva.

Del popolo io sono, ed a lui pegno
D'amore do nel poco, dove arriva
La penna cui mi die povero ingegno
Onde fatti e costumi gli descriva.

Non plauso d'accademia mi fa gola,
Non la scienza superba; sol m'aggrada
Quanto al popol servir possa di scola.

Seria o giocosa la parola cada,
Greca o latina, vò una cosa sola:
Che sparsa in vano ella giammai non vada.

Rajna mela li Ġ. A. Vassallo ried jikteb biex jgħallem il-poplu ż-żgħir. Xtaq li l-poplu jkollu kotba miktuba sewwa x'jaqra — mhux bilfors fuq argumenti reliġjużi. Għal daqshekk fl-1861 fisser il-fehma tiegħu li kien jixraq ikollna storja ta' Malta miktuba bil-Malti biex tqanqal l-interess tal-poplu fil-ġrajja politiċi ta' pajjiżu sew fl-imgħoddi kemm tal-lum u jsodd il-ħluq ta' dawk il-gustużi li jmaqdru u jwaqqgħu għaċ-ċajt dak li jmissna ngħożżu bħala qadim. Imma naqraw kliemu stess biex naraw għala l-istorja ta' Malta li ħareġ fl-1862 kitibha bil-Malti: "Ma ngħidux li wieħed għandu jkun jaf kullma ġara u jiġri kullimkien, iżda għall-anqas dak li jkun ġara f'pajjiżu. Sabiex ikun jaf dana jeħtieġ ikollu xi kotba li fihom jista' jaqra, miktuba fil-lsien tiegħu, jew f'ieħor illi jifhem; iżda l-wisq minn nies ma jifhmux sewwa ħlief tagħhom: jekk dawn immela ma jkollhomx il-ktieb li jaħtieġu miktub fil-lsien li jafu, li tgħallmu sa mill-ħalib; dawna jibqgħu għala dejjem bla ma jafu l-istorjá ta' pajjiżhom. Għal daqshekk immela dehrilna xieraq u sewwa illi niktbu bil-Malti edak li ġara f'edawna l-gżejjer fiż-żmenijiet l-imgħoddija..."

Barra mill-bruda tan-nies għall-kitba kien hemm haġ'oħra fi żmien Vassallo li kienet taqta' qalb dak li jkun li jikteb bil-Malti. F'Malta kien għad ma hawnx liġi tal-istampa li tħares l-interessi tal-kittieb. Wieħed jikteb xi ħaġa, tingħoġob u l-għada tidher kelma b'kelma f'xi ġurnal taħt b'isem ieħor, jon-

(18) *Ara Ħrejjef u Ċiait bil Malti* eċċ, edizzjoni tal-1895. p. 7.

kella f'edizzjoni oħra, bla ma jkun irid il-kittieb. Milli jidher, it-tieni darba li ħareġ *Il-Ġifen Tork* kienet xi ħaġa hekk, għax fuq il-faċċata ta' barra taħt it-titlu naqraw "Canto epico maltese di N.N.". Issa kulħadd kien jaf li kien kitbu Ġ. A. Vassallo. L-istess il-poeżija *Qronfla lil Luiża*, li dehret fil-ktieb tal-poeżiji tal-1843, reġgħet ħarġet taħt l-inizjali E.L. fil-ġurnal *In-Nemus* fis-16 ta' Lulju, 1870, ftit wara l-mewt ta' Vassallo. Issa dan k'en igħodd għall-kitba kollha, imma l-iktar bil-Malti. Ġ.A.V. stess igerger minn dil-biċċa fl-1861 u jgħid: *"Non un libro di storia soltanto in maltese, molti benì utili sritti, in altre lingue ancora, sarebbero di frequente quivi pubblicati, se legge fossevi che la proprietà letteraria in qualche modo assicurasse. Ma pubblicato fra noi alcunchè di lodevole in Maltese specialmente, eccovi tosto scellerata riedizione da potersene gli esemplari con meno di prezzo spacciare, e una risata, per giunta, sul muso dell'autore o editore"*. (19). Fil-fehma ta' Vassallo ma kienx hemm għalfejn li l-*copyright* jibqa' jgħodd għal tliet ġenerazjonijiet, l-iktar għal kitbiet qosra, imma mhemm xejn ħażin li jkun hemm privativa għal żmien limitat favur min joħroġ xi kitba oriġinali. B'hekk jitħajru iktar nies li jiktbu u t-tagħlim fost il-poplu jikber. Dan kien meħtieġ iktar u iktar il-għaliex sal-1861, skond il-poeta tagħna, bil-Malti ftit li xejn kien hawn kotba x'wieħed jaqra, tneħħi xi kitba sagra li l-poplu kien jaqra u jitgħallem bl-amment bħala divozjoni.

X'ingħidu għall-poeżija f'Malta qabel jew meta Vassallo kien għadu kemm kemm beda jikteb? M'hemmx għalfejn inġibu hawnhekk il-versi li Ninu Cremona ġabar u ħareġ fin-Nru. 7 ta' *Leħen il-Malti* fl-1931. Lill-qarrej ngħidulu biss li, barra dawk k'en hemm ukoll sunett ta' siwi letterarju żgħir ħafna, miktub minn Agius de Soldanis, li jiena stampajt fil-*Berqa* tal-5 ta' Marzu 1948, u xi versi oħra li sa nsemmu biex wieħed iżid dejjem ma' dak li ġa nġabar. Għal dawn tgħodd ukoll il-kelma ta' Cremona, i.e. li qed niġbruhom "mhux biex nurì l-ħlewwa, ġmiel jew qawwa tal-vers Malti sa minn żmien l-ewwel għajta tiegħu", imma "bħala tifkira ta' dak il-ftit weraq niexef minn xtieli xagħrija li dehru l-ewwel darba fil-ġnien, illum imżejjen ġmielu, tal-kitba Maltija. La tħarsux għalhekk lejn il-għamla, il-lewn tal-ward ta' dawn ix-xtieli, iżda lejn il-qedem tagħhom".

Fl-1818 hawn Malta deher ktieb bl-Ingliż (2ni ediz.) jismu *Poems upon Several Subjects* u l-aħħar żewġ poeżiji kienu qlib mill-Malti. Il-kliem bl-Ingliż kien ta' Mrs. Iliff, li traduzzjoni oħra minn tagħha dehret fl-*Arlekkin* (Nru. 42—1838). Waħda

(19) Ara *Ħrejjef ovvero Saggi di Favole Morali* eċċ., Malta 1861, p. 4.

minn daż-żewġ poeżijiet ġiebha l-Professur G. Aquilina fl-istudju tiegħu fil-*Muża Maltija* (1948). L-oħra kienet din:—

Kemm kieku jgħanni w jibki
Għal dik il-qalb il-vera ngrata!
Ma l-ktajjen tal-imħabba
Forsi norbot f'dil-ġurnata.

Ħabbejt qalb ta' bla imħabba.
Kienet tmissni din il-piena?!
Min rani f'din ir-rabta
Minni żgur ġietu xi ħniena.

Fejn kont il-maħbub ta' qalbha
Issa daż-żmien tiddisprezzani,
B'għajn supperva tħares lejja
Tidħaq bija fejn tarani.

Għal imħabbti jkollha terġa'
Għax bħali ma ħabbha ħadd:
M'issa jiena nwebbes qalbi
Lejha iżjed ma nħares qatt.

F'Ottubru tal-1839 ħarġet poeżija bil-Malti fir-raba' numru tal-*Malta Penny Magazine* (1839-1841), maħruġ minn J. Richardson. Isem il-kittieb ma deherx, imma erba' snin wara, meta l-poeżija reġgħet ħarġet bi traduzjoni bit-taljan f'*Il-Malti* (p. 29), kien hemm nota li l-kliem kien ta' Vinċenzo Caruana, minn Bormla, Segretarju tal-Isqof Labini u Latinist tajjeb li, skond Ġ.A.V. f'*L'Arte* (Nru. 52) kiteb poeżiji bil-Latin, Talian u Malti, u miet madwar l-1824. Il-versi kienu jġibu l-isem *Fuq il-Mewt ta' Napuljun il-Kbir,* u kienu reġgħu dehru fl-istess sena fil-ġurnal *Diogene* tal-5 ta' April, 1843. Il-versi ma jogħlewx wisq, kif wieħed jista' jara malajr:—

Is-slaten quddiemu
Ilkoll mismutin,
Taħt qawwtu, taħt ġiemu,
Ġew huma neqsin.

Dan hu dak li riegħed
U mela l-art b'ismu;
Araħ issa qiegħed
Mardum hawna ġismu!

Tafux min jinsab
F'din ix-xagħra midfun?
Hawn hu taħt it-trab
Il-kbir Napuljun.

Ejjew, ja bnedmin,
Madwar dan il-qabar,
U kollkom sektin
Is'mew dan il-ħabar.

Met'iżda kburitu
Għoliet sas-smewwiet,
Murija ċkunitu
Kemm fis hija ġiet.

Mijiet tal-eluf,
Imxew huma miegħu,
Sa l-aktar begħed truf
Għall-għoġba b'ss tiegħu.

Iżda Alla mis-sema
Biss b'nefħa ta' riħ
Wisq minnhom fl-art rema
W temmuhom l-irsieħ.

Għax dan il-kbir Alla
Bid-dieher ried juri,
Li jkunu tiegħu jtalla'
U jgħaddas il-kburi.

Min qabel ġie mfaħħar
B'wisq qima u wisq ġieħ,
Dan kollu tar fl-aħħar
Ma' żiffa ta' riħ.

U baqgħet mitfija
F'lejl l-aktar mudlam,
Il-leħħa tad-dija
Li nissel mill-ħram.

Fuq ġebel misrud
Imbagħad mismum,
Ġie miekla tad-dud,
Hawn mejjet mardum.

Tad-dinja, o kobrija,
Għal kemm int merfugħa,
Kemm inti kburija
Tal-ġenn u tal-frugħa!!

Morru issa, o bnedmin!
Dan il-qabar li rajtu.
W il-kliem, ħasbenin,
Istqarru li smajtu. (Fadal)

## BHAL HOLMA

*Rajtha 'l Afrodite fuq tajjar bajdani,*
*Tirtes bħan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*Tifrex madwarha velu fin qawsalla*
*Bħat-tbissim helu fuq ħaddejn wardija.*

*Għad-dell tal-friegħi ta' siġriet dellija,*
*B'weraq ġol-fidda bajdanin maħsula,*
*Ġewnaħ infirex ta' ħolm bnin u ħlejju*
*Fuq qalbi mxaħxħa, ġamra nar mirgħula.*

*U saħħar l-arja l-ġiżimin bi nwaru,*
*Tbewwes ħieni mad-daqq tal-mandolin;*
*Il-mewġiet żifnu bħal tfajliet ferħana,*
*U ħienja tbennu, tbandlu l-fregatini.*

*L-Imħabba, b'velu ta' tbissim mistura,*
*Bħal warda fuqqgħet fuq xufftejn għaslija,*
*U qalbi daqet bħal inbid tal-ġenna,*
*U ntrefgħet mill-art kollha ferħ mimlija......*

*Dabet Afrodite ġo t-tajjar bajdani,*
*Għabet bħan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*U għalkejn qalbi kollha dmugħ ixxenqet*
*Għat-tbissim helu fuq ħaddejn... ...mitfija.*

24. 5. 50. G. B. Cassar.

# THE NATIONAL BANK OF MALTA

**JAGHMEL OPERAŻJONIJIET BANKARJI TA' KULL XORTA**

ISIRU TRASFERIMENTI TA' FLUS B'ITTRI JEW B'TELEGRAMM GHAD-DINJA KOLLHA.

JOHORĠU ITTRI TA' KREDITU U TRAVELLERS' CHEQUES U JINGHATAW IL-FAĊILITAJIET LIL KULL MIN ISIEFER.

IL-BANK JAHDEM MAL-BANEK PRINĊIPALI TA' L-AMERKA, AWSTRALJA U TAL-KANADA.

**IL-BORŻA U D-DWANA - - - - - - - - - - - - IL-BELT.**
**IR-RABAT - - - - - - - - - - - - - - - - - - GHAWDEX.**

BANK MAGHQUD MIEGHU

**SCICLUNAS BANK**

**MISRAH IL-PALAZZ** **IL-BELT.**

SCICLUNAS BANK

SERVICE

SECURITY

SECRECY

SAVINGS.

(ESTABLISHED 1830)